ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 314

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 50

1 ta' Diċembru 2007

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1411/2007 tat-30 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix .............. 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1412/2007 tat-30 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2007 .......................... 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1413/2007 tat-30 ta' Novembru 2007 li jiddefinixxi koeffiċjent tat-tnaqqis rigward il-medda għall-kull bidwi li għaliha tintalab l-għajnuna għall-għelejjel ta' l-enerġija għall-2007** .......................................................... 6

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1414/2007 tat-30 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-zona Kattegat ta' l-ICES (lejn in-Nofsinhar minn III a) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja** ........................................ 7

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill**

2007/779/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2007 li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid)** [1] ........................................................ 9

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)



**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

2007/780/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi** (1) ............. 20

## Kummissjoni

2007/781/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Awwissu 2007 li tiddikjara li konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.4523 – Travelport/Worldspan)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3938)* (1)..................................... 21

2007/782/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2007 li tapprova programmi nazzjonali annwali u multi-annwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda, kontroll u sorveljanza ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali, ippreżentati mill-Istati Membri għall-2008 u snin ta' wara.** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5776)* ................................................... 29

MT

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

# I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1411/2007

**tat-30 ta' Novembru 2007**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 ta' l-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 3223/94 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 756/2007 (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 41).

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni tat-30 ta' Novembru 2007 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 114,0 |
| | MA | 70,5 |
| | TR | 86,7 |
| | ZZ | 90,4 |
| 0707 00 05 | JO | 196,3 |
| | MA | 51,7 |
| | TR | 103,2 |
| | ZZ | 117,1 |
| 0709 90 70 | MA | 46,7 |
| | TR | 127,3 |
| | ZZ | 87,0 |
| 0709 90 80 | EG | 301,9 |
| | ZZ | 301,9 |
| 0805 20 10 | MA | 67,0 |
| | ZZ | 67,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 62,9 |
| | HR | 26,3 |
| | IL | 67,2 |
| | TR | 90,4 |
| | UY | 82,5 |
| | ZZ | 65,9 |
| 0805 50 10 | AR | 72,2 |
| | EG | 79,1 |
| | TR | 107,4 |
| | ZA | 59,3 |
| | ZZ | 79,5 |
| 0808 10 80 | AR | 87,7 |
| | CA | 108,3 |
| | CL | 86,0 |
| | CN | 87,6 |
| | MK | 30,6 |
| | US | 95,5 |
| | ZA | 95,7 |
| | ZZ | 84,5 |
| 0808 20 50 | AR | 49,2 |
| | CN | 59,7 |
| | TR | 145,7 |
| | US | 109,4 |
| | ZZ | 91,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1412/2007

## tat-30 ta' Novembru 2007

## li jistabbilixxi d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1784/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1249/96 tat-28 ta' Ġunju 1996 dwar regoli ta' applikazzjoni għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 tal-kunsill fir-rigward ta' dazji fuq l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002, ex 1005 minbarra ż-żrieragħ ibridi, u ex 1007 minbarra l-ibridu għaż-żrigħ, id-dazju ta' l-importazzjoni huwa daqs il-prezz ta' l-intervent li jgħodd għal dawn il-prodotti fil-waqt ta' l-importazzjoni, biż-żieda ta' 55 % u bit-tnaqqis tal-prezz ta' l-importazzjoni CIF applikabbli għall-kunsenja kkonċernata. Madankollu, dan id-dazju ma jistax jaqbeż ir-rata ta' dazji fit-Tariffa Doganali Komuni.

(2) L-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 jipprovdi li, għall-finijiet tal-kalkolu tad-dazju għall-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' l-Artikolu msemmi, għall-prodotti msemmija hawn fuq kull tant żmien jiġu stabbiliti prezzijiet rappreżentattivi *CIF* għall-importazzjoni.

(3) L-artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 jippreċiża kif jinħadem il-kalkolu tad-dazji ta' l-importazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċijiet NK 1001 10 00, 1001 90 91, ex 1001 90 99 (qamħ ta' kwalità għolja), 1002 00, 1005 10 90, 1005 90 00 u 1007 00 90, Dan huwa l-prezz rappreżentattiv ta' l-importazzjoni *CIF* tal-ġurnata stabbilita skond il-metodu pprovdut fl-Artikolu 4 ta' l-imsemmi regolament.

(4) Huwa xieraq li d-dazji ta' l-importazzjoni japplikaw għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2007 u għandhom japplikaw sa meta jiġu stabbiliti u jidħlu fis-seħħ dazji ta' l-importazzjoni ġodda.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Mill-1 ta' Diċembru 2007 d-dazji ta' l-importazzjoni fis-settur taċ-ċereali msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 huma stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mogħtija fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 78. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 735/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 6). Ir-Regolament (KEE) Nru 1784/2003 ser jinbidel bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1) mill-1 ta' Lulju 2008.

([2]) ĠU L 161, 29.6.1996 p. 125. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1816/2005 (ĠU L 292, 8.11.2005, p. 5).

*ANNESS I*

**Dazji fuq l-importazzjoni ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1784/2003 applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2007**

| Kodiċi NK | Isem tal-merkanziji | Dazju ta' l-importazzjoni [1] (EUR/t) |
|---|---|---|
| 1001 10 00 | QAMĦ iebes ta' kwalità għolja | 0,00 |
| | ta' kwalità medja | 0,00 |
| | ta' kwalità baxxa | 0,00 |
| 1001 90 91 | QAMĦ għaż-żrigħ | 0,00 |
| ex 1001 90 99 | QAMĦ komuni ta' kwalità għolja, minbarra dak li hu taż-żrigħ | 0,00 |
| 1002 00 00 | SEGALA | 0,00 |
| 1005 10 90 | QAMĦIRRUM għaż-żrigħ minbarra dak ibridu | 0,00 |
| 1005 90 00 | QAMĦIRRUM minbarra dak taż-żrigħ [2] | 0,00 |
| 1007 00 90 | SORGU f'żerriegħa minbarra dik ibrida taż-żrigħ | 0,00 |

[1] Għall-prodotti li jaslu fil-Komunità mill-Oċean Atlantiku jew mill-Kanal ta' Suez (l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96) l-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis ta' dazju ta':

— EUR 3 kull tunnellata, jekk il-port fejn jsir il-ħatt jinsab fil-baħar Mediterran, jew ta'

— EUR 2 kull tunnellata, jekk il-port fejn isir il-ħatt jinsab fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fid-Danimarka, fl-Estonja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja, fil-Finlandja, fl-Iżvezja jew fuq il-kosta Atlantika tal-Peniżola Iberika.

[2] L-importatur jista' jibbenefika minn tnaqqis fiss ta' EUR 24 kull tunnellata jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96 huma sodisfatti.

*ANNESS II*

**Fatturi għall-kalkolu tad-dazji fl-Anness I**

16.11.2007-29.11.2007

1. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

*(EUR/t)*

| | Qamħ (*) | Qamħirrum | Qamħ iebes kwalità għolja | Qamħ iebes, kwalità medja (**) | Qamħ iebes kwalità baxxa (***) | Xgħir |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Borża | Minneapolis | Chicago | — | — | — | — |
| Kwotazzjoni | 234,78 | 102,09 | — | — | — | — |
| Prezz *FOB* USA | — | — | 408,20 | 398,20 | 378,20 | 154,00 |
| Tariffa fuq il-Golf | — | 19,26 | — | — | — | — |
| Tariffa fuq l-Għadajjar il-Kbar | 15,42 | — | — | — | — | — |

(*) Tariffa pożittiva ta' EUR 14/t inkorporata [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(**) Tariffa negattiva ta' EUR 10/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].
(***) Tariffa negattiva ta' EUR 30/t [l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96].

2. Medji fuq il-perjodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1249/96:

| | |
|---|---|
| Merkanzija/Spejjeż Il-Golf tal-Messiku–Rotterdam | 54,40 EUR/t |
| Merkanzija/Spejjeż L-Għadajjar il-Kbar–Rotterdam: | 47,16 EUR/t |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1413/2007

## tat-30 ta' Novembru 2007

## li jiddefinixxi koeffiċjent tat-tnaqqis rigward il-medda għall-kull bidwi li għaliha tintalab l-għajnuna għall-għelejjel ta' l-enerġija għall-2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 89(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 89(1) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jistabilixxi żona [medda] massima garantita ta' 2 000 000 ettaru eliġibbli għal għajnuna għal prodotti [għelejjel] ta' l-enerġija skond l-Artikolu 88 ta' dak ir-Regolament. L-Artikolu 89(2) jistipula li fejn iż-żona li għaliha hi mitluba l-għajnuna teċċedi ż-żona massima garantita, iż-żona għal kull bidwi li għaliha hi mitluba l-għajnuna għandha titnaqqas b'mod proporzjonali f'dik is-sena.

(2) Skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1973/2004 tad-29 ta' Ottubru 2004 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 fir-rigward ta' skemi ta' appoġġ ipprovduti bit-Titoli IV u IVa ta' dak ir-Regolament u l-użu ta' artijiet imwarrba għall-produzzjoni ta' materja prima ([2]) [titlu mhux uffiċjali], koeffiċent ta' tnaqqis irid jiġi ffisat qabel ma l-ħlas jingħata lill-bdiewa, u l-iktar tard sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, abbażi ta' l-informazzjoni kkomunikata f'konformità ma' l-Artikolu 3(1)(b) ta' dak ir-Regolament.

(3) Skond l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1973/2004, l-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-medda totali li għaliha kienet iffissata l-għajnuna għall-għelejjel ta' l-enerġija skond l-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għas-sena 2007. Abbażi ta' dawn il-komunikazzjonijiet, ġie stabbilit li l-medda totali għall-2007 kienet 2 843 450 ettaru.

(4) Peress li l-ammont ta' hawn fuq ta' 2 843 450 ettaru jeċċedi l-medda massima garantita ta' 2 000 000 ettaru eliġibbli għall-għajnuna, jeħtieġ li jiġi ffissat it-tnaqqis tal-koefiċjent li għandu jiġi applikat għall-medda għal kull bidwi li għaliha tintalab l-għajnuna għall-2007.

(5) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Pagamenti Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-koeffiċjent tat-tnaqqis li għandu japplika għall-medda għal kull bidwi li għaliha tintalab l-għajnuna għall-għelejjel ta' l-energija skond l-Artikolu 88 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 għall-2007 għandha tkun 0,70337.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1276/2007 (ĠU L 284, 30.10.2007, p. 11).
([2]) ĠU L 345, 20.11.2004, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 993/2007 (ĠU L 222, 28.8.2007, p. 10).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1414/2007

## tat-30 ta' Novembru 2007

## li jistabbilixxi projbizzjoni tas-sajd għall-merluzz fiż-zona Kattegat ta' l-ICES (lejn in-Nofsinhar minn III a) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Ġermanja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni [għall-Politika Komuni tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kundizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet (stokkijiet) ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ([3]), jistabbilixxi l-kwoti għall-2007.

(2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet ta' l-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk, jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2007 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew li huma rreġistrati fih għandu jiġi pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Għandu jkun ipprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11); kif ikkoreġuta fil-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6.

([3]) ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 898/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 22).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 75 |
| Stat Membru | Il-Ġermanja |
| Stokk | COD/03AS. |
| Speċi | Merluzz (*Gadus morhua*) |
| Żona | Kattegat |
| Data | 13.11.2007 |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-8 ta' Novembru 2007**

**li tistabbilixxi Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili (imfassla mill-ġdid)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/779/KE, Euratom)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 308 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 203 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Billi:

(1) Għadd ta' tibdiliet sostanzjali għandhom isiru fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju biex jiffaċilita l-kooperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili [3] (minn hawn 'il quddiem "il-Mekkaniżmu") sabiex ir-reazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea f'emerġenza issir aktar konsistenti u effiċjenti. Għall-finijiet taċ-ċarezza, dik id-Deċiżjoni għandha titfassal mill-ġdid.

(2) F'dawn l-aħħar snin, kien hemm żieda sinifikanti fl-okkorrenza, is-severità u l-intensità tad-diżastri naturali, bir-riżultat ta' l-imwiet ta' nies, it-telf ta' proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, il-qerda ta' l-infrastruttura ekonomika u soċjali u l-ħsara lill-ambjent.

(3) L-azzjoni Komunitarja sabiex timplimenta r-riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri, li ltaqgħu fil-Kunsill, fit-8 ta' Lulju 1991 dwar it-titjib ta' l-għajnuna reċiproka bejn l-Istati Membri fil-każ ta' diżastru naturali jew teknoloġiku [4] għenet sabiex tipproteġi n-nies, l-ambjent u l-proprjetà. Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa (UN/ECE) dwar l-Effetti li Jaqsmu l-Fruntieri ta' l-Inċidenti Industrijali, approvata mill-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE [5], għenet biex tkompli ttejjeb il-prevenzjoni u l-ġestjoni tad-diżastri industrijali.

(4) L-għan ġenerali tal-Mekkaniżmu huwa li jipprovdi, fuq talba, appoġġ fl-eventwalità ta' emerġenzi u li jiffaċilita koordinazzjoni mtejba ta' interventi ta' assistenza pprovduti mill-Istati Membri u mill-Komunità, b'kont meħud ukoll tal-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni iżolati, l-aktar periferali u oħrajn tal-Komunità. Dawn l-aħħar snin raw żieda konsiderevoli fl-għadd ta' pajjiżi li talbu l-assistenza mill-Mekkaniżmu għall-għajnuna tal-protezzjoni ċivili. Il-Mekkaniżmu għandu jissaħħaħ biex tiġi żgurata turija aktar effikaċi u viżibbli tas-solidarjetà Ewropea, u biex tippermetti l-iżvilupp ta' kapaċità Ewropea tar-reazzjoni rapida abbażi tal-moduli tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati Membri, kif talbu li jsir il-Kunsill Ewropew tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2005 u l-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Jannar 2005 dwar id-diżastru tat-tsunami.

[1] Opinjoni ta' l-24 ta' Ottubru 2006 (għadha mhix ippubblikata fil-ĠU).
[2] ĠU C 195, 18.8.2006, p. 40.
[3] ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.
[4] ĠU C 198, 27.7.1991, p. 1.
[5] ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1.

(5) Il-Mekkaniżmu jrid jikkunsidra kif mistħoqq leġislazzjonijiet u obbliġi internazzjonali rilevanti Komunitarji. Għalhekk, din id-Deċiżjoni ma għandhiex taffettwa d-drittijiet u l-obbligi reċiproċi ta' l-Istati Membri fit-trattati bilaterali jew multilaterali, li jirreferu għall-materji koperti b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita r-reazzjoni tal-protezzjoni ċivili għal kull tip ta' emerġenza kbira, inklużi d-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, atti ta' terroriżmu u inċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, inkluż t-tniġġis aċċidentali ta' l-ibħra li jseħħu ġewwa jew barra l-Komunità. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili tista' tkun meħtieġa f'dawn l-emerġenzi kollha, biex tikkomplementa l-kapaċitajiet ta' reazzjoni tal-pajjiż affettwat.

(7) Il-prevenzjoni hi ta' importanza sinifikanti għall-protezzjoni kontra d-diżastri naturali, teknoloġiċi u ambjentali u tkun teħtieġ li tiġi kkunsidrata iktar azzjoni. Billi tagħti kontribut għall-issuktar ta' l-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, il-Komunità għandha tgħin lill-Istati jnaqqsu kemm jista' jkun il-ħin meħtieġ biex jirreaġixxu għad-diżastri u jallertaw liċ-ċittadini ta' l-UE. Dawn is-sistemi għandhom iqisu u jibnu fuq is-sorsi eżistenti ta' l-informazzjoni.

(8) Jeħtieġ li jittieħdu miżuri ta' tħejjija fil-livell ta' l-Istat Membru u tal-Komunità li jippermettu li jiġu organizzati u miġbura timijiet ta' l-intervent għall-għajnuna fl-emerġenzi bil-ħeffa u kkoordinati bil-flessibbiltà meħtieġa u li tiġi żgurata, permezz ta' programm ta' taħriġ, il-kapaċità għal rispons effettiv u l-kumplimentarjetà tat-timijiet ta' l-evalwazzjoni u/jew il-koordinament, it-timijiet ta' l-intervent u riżorsi oħra, kif xieraq.

(9) Miżuri oħra ta' tħejjija jinkludu l-ġbir u t-tqegħid flimkien tat-tagħrif li jkollu x'jaqsam mar-riżorsi mediċi meħtieġa u l-istimulu ta' l-użu ta' teknoloġiji ġodda. Dik l-informazzjoni tikkonċerna r-riżorsi mediċi li l-Istati Membri jistgħu jagħmlu disponibbli, fuq bażi volontarja, għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika wara talba għal intervent taħt il-Mekkaniżmu. Skond l-Artikolu 296 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, ebda Stat Membru m'għandu jkun obbligat jipprovdi informazzjoni li hu jqis li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

(10) L-iżvilupp ta' moduli addizzjonali ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, li jkunu magħmulin mir-riżorsi ta' Stat Membru wieħed jew aktar, li jimmiraw li jkunu kompletament interoperabbli, għandu jiġi kkunsidrat sabiex jingħata kontribut għall-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida tal-protezzjoni ċivili. Il-moduli jkunu organizzati fil-livell ta' l-Istati Membri u soġġetti għad-direzzjoni u l-kmand tagħhom.

(11) Fl-eventwalità ta' emerġenza kbira ġewwa l-Komunità, jew ta' periklu imminenti ta' dan, li jikkawżaw, jew ikun kapaċi li jikkawżaw, effetti li jaqsmu l-fruntieri li jistgħu jirriżultaw f'sejħa għall-għajnuna minn Stat Membru jew aktar, ikun hemm il-ħtieġa għal notifika rilevanti li trid issir kif xieraq permezz ta' sistema stabbilita affidabbli ta' komunikazzjoni u ta' tagħrif dwar l-emerġenzi.

(12) Il-mekkaniżmu għandu jagħmilha possibbli illi jiġi organizzat u miġbur, u ffaċilitat il-koordinament ta' l-interventi ta' l-għajnuna sabiex tkun żgurata protezzjoni aħjar primarjament tan-nies iżda wkoll ta' l-ambjent u tal-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, biex b'hekk jitnaqqsu t-telf tal-ħajja umana, il-korrimenti, il-ħsarat materjali, ekonomiċi u ambjentali, u jagħmel iktar tanġibbli l-kisba tal-miri tal-koeżjoni soċjali u tas-solidarjetà. Il-kooperazzjoni msaħħa fl-interventi ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili għandha tissejjes fuq struttura Komunitarja tal-protezzjoni ċivili li tkun tikkonsisti f'ċentru tal-monitoraġġ u l-informazzjoni u sistema komuni tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni ta' l-emerġenza, ġestita mill-Kummissjoni, u punti ta' kuntatt fl-Istati Membri. Għandha tipprovdi qafas għall-ġbir ta' l-informazzjoni vvalidata ta' l-emerġenza, għat-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost l-Istati Membri, u għall-qsim ta' lezzjonijiet miksuba mill-interventi.

(13) Il-punti ta' kuntatt fl-Istati Membri għandhom ikunu fil-qagħda li jagħtu informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili mitluba mill-pajjiż milqut, inkluża informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' assi u kapaċitajiet militari.

(14) Id-disponibbiltà ta' mezzi adegwati tat-trasport jeħtiġilha li tittejjeb biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' kapaċità ta' reazzjoni rapida fuq il-livell Komunitarju. Il-Komunità għandha tappoġġa u tikkomplementa l-isforzi ta' l-Istati Membri billi tiffaċilita t-tqegħid flimkien tar-riżorsi tat-trasport ta' l-Istati Membri u billi tikkontribwixxi, fejn dan ikun ta' ħtieġa, għall-finanzjament ta' mezzi addizzjonali tat-trasport.

(15) Rigward l-intervent ta' għajnuna fil-protezzjoni ċivili, il-Mekkaniżmu għandu jiffaċilita u jappoġġa l-azzjonijiet meħuda mill-Komunità u l-Istati Membri. L-interventi ta' għajnuna barra mill-Komunità jistgħu jsiru jew b'mod awtonomu jew bħala kontribut għal ħidma mmexxija minn organizzazzjoni internazzjonali, għal liema każ il-Komunità għandha tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.

(16) In-Nazzjonijiet Uniti, fejn tkun preżenti, għandha rwol ta' koordinament komprensiv għall-operazzjonijiet ta' għajnuna fil-pajjiżi terzi. L-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta taħ til-Mekkaniżmu għandha tiġi kkoordinata man-Nazzjonijiet Uniti u partijiet oħra internazzjonali rilevanti biex kemm jista' jkun tkabbar l-użu tar-riżorsi disponibbli u tevita kwalunkwe duplikazzjoni inutli ta' l-isforzi. Il-koordinazzjoni mtejba ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili permezz tal-Mekkaniżmu hija prerekwiżit għall-appoġġ ta' l-isforz tal-koordinazzjoni globali u l-iżgurar ta' kontribut Ewropew komprensiv għall-isforz globali ta' għajnuna. F'emerġenzi kbar fejn l-għajnuna tingħata sew taħt il-Mekkaniżmu kif ukoll taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1257/96 ta' l-20 ta' Ġunju 1996 rigward l-għajnuna umanitarja ([1]), il-Kummissjoni għandha tiżgura l-effikaċja, il-koerenza u l-komplementarjetà tar-reazzjoni komprensiva tal-Komunità.

(17) Il-Mekkaniżmu jista' jkun ukoll għodda sabiex jiffaċilita u jappoġġja l-ġestjoni ta' kriżijiet skond id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill u l-Kummissjoni tad-29 ta' Settembru 2003 dwar l-użu tal-Mekkaniżmu Komunitarju tal-Protezzjoni Ċivili fil-ġestjoni tal-kriżijiet kif riferit fit-Titolu V tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea. Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi u r-rwol tal-Presidenza fil-ġestjoni ta' kriżijiet taħt dak it-Titolu V.

(18) Il-Mekkaniżmu jista' jintuża wkoll għall-assistenza konsulari ta' appoġġ liċ-ċittadini ta' l-UE f'emerġenzi kbar f'pajjiżi terzi rigward attivitajiet tal-protezzjoni ċivili jekk mitlub mill-awtoritajiet konsulari ta' l-Istati Membri.

(19) Meta l-użu ta' assi u kapaċitajiet militari jitqies xieraq, il-kooperazzjoni mal-persunal militari għandha ssegwi l-modalitajiet, il-proċeduri u l-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jew il-korpi kompetenti tiegħu biex l-assi u l-kapaċitajiet militari rilevanti għall-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili jkunu disponibbli għall-Mekkaniżmu.

(20) L-użu ta' l-assi militari għandu wkoll ikun konsistenti mal-prinċipji tal-linji gwida rilevanti tan-NU.

(21) Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi kandidati u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi oħra u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u reġjonali għandhom ikunu possibbli.

(22) Il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi implimentata din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni ([2]).

(23) L-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-faċilitazzjoni tal-kooperazzjoni msaħħa bejn il-Komunita' u l-Istati Membri fl-intervent ta' l-assistenza tal-protezzjoni ċivili fil-każ ta' emerġenżi maġġuri u t-theddida imminenti ta' dawn li ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri, u jistgħu għaldaqstant, fid-dawl ta' l-iskala jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta, u kont meħud tal-benefiċċji ġejjin mill-operazzjoni tal-mekkaniżmu għat-tnaqqis fit-telf tal-ħajja u l-ħsara tal-bniedem, jintlaħqu aħjar fuq il-livell Komunitarju.

Jekk il-kapaċitajiet ta' reazzjoni ta' Stat Membru affettwat ma jkunux jistgħu jlaħħqu ma' emerġenza kbira, dan l-Istat għandu jkun jista' jagħmel appell għall-Mekkaniżmu Komunitarju biex jissupplimenta r-riżorsi tiegħu tal-protezzjoni ċivili. Il-Komunità tista' għalhekk tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunita' Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan.

(24) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika ma jagħtux poteri għall-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni għajr dawk ta' l-Artikoli 308 u 203, rispettivament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## KAPITOLU I

## Is-Suġġett u l-Kamp ta' applikazzjoni

*Artikolu 1*

1. Huwa hawnhekk stabbilit Mekkaniżmu Komunitarju, (minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Mekkaniżmu"), sabiex jiffaċilita l-kooperazzjoni rinfurzata bejn il-Komunità u l-Istati Membri rigward l-intervent ta' għajnuna fil-protezzjoni ċivili fil-każ ta' emerġenzi kbar, jew it-theddida imminenti tagħhom.

2. Il-protezzjoni li għandu jiżguraha il-Mekkaniżmu għandha tkopri primarjament in-nies iżda wkoll l-ambjent u l-proprjetà, inkluż il-wirt kulturali, fil-każ ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, atti ta' terroriżmu u aċċidenti teknoloġiċi, radjoloġiċi jew ambjentali inkluż it-tniġġis aċċidentali ta' l-ibħra, li jseħħu ġewwa jew barra l-Komunità, fil-kunsiderazzjoni wkoll tal-ħtiġijiet speċjali tar-reġjuni iżolati, l-aktar periferali u oħrajn jew il-gżejjer tal-Komunità.

([1]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

([2]) ĠU L 184, 17.7.1999, p.23. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Il-Mekkaniżmu ma għandu jaffettwa bl-ebda mod l-obbligi taħt il-leġislazzjonijiet rilevanti eżistenti tal-Komunità Ewropea jew il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika jew il-ftehimiet internazzjonali eżistenti.

*Artikolu 2*

Il-Mekkaniżmu jikkonsisti f'elementi u azzjonijiet inklużi:

1) l-identifikazzjoni ta' timijiet ta' l-intervent u appoġġi oħra ta' intervent disponibbli fl-Istati Membri għall-interventi ta' għajnuna fl-eventwalità ta' emerġenzi;

2) l-istabbiliment u l-implimentazzjoni ta' programm ta' taħriġ għat-timijiet ta' l-intervent u appoġġi oħra ta' intervent, u għal esperti għat-timijiet responsabbli għall-evalwazzjoni u/jew il-koordinament;

3) laqgħat ta' ħidma, seminars u proġetti pilota dwar aspetti maġġuri ta' l-interventi;

4) li jiġu stabbiliti u mibgħuta t-timijiet responsabbli għall-evalwazzjoni u/jew koordinament;

5) li jiġi stabbilit u ġestit Ċentru tal-Monitoraġġ u ta' l-Informazzjoni, (MIC), li jkun aċċessibbli u kapaċi jirreaġixxi immedjatament 24 siegħa kuljum u li jaqdi l-Istati Membri u l-Kummissjoni għall-finijiet tal-Mekkaniżmu;

6) li tiġi stabbilita u ġestita Sistema Komuni ta' Komunikazzjoni u nformazzjoni dwar l-Emerġenzi (*CECIS*) biex tippermetti l-komunikazzjoni u l-qsim ta' l-informazzjoni bejn l-MIC u l-punti ta' kuntatt operattivi ta' l-Istati Membri;

7) li jsir kontribut għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija, għal diżastri, li jistgħu jolqtu t-territorju ta' l-Istati Membri, sabiex jippermettu reazzjoni rapida min-naħa ta' l-Istati Membri u l-Komunità, kif ukoll għall-istabbilment tagħhom permezz ta' studji u evalwazzjonijiet dwar il-ħtieġa u permezz ta' azzjonijiet għall-promozzjoni ta' l-interkonnessjoni tagħhom u l-konnessjoni tagħhom mal-MIC u s-CECIS; dawk is-sistemi għandhom jieħdu kont ta' u jibnu fuq informazzjoni eżistenti, sorsi ta' monitoraġġ u individwazzjoni;

8) li jiġu appoġġati l-Istati Membri fil-kisba ta' aċċess għat-tagħmir u r-riżorsi tat-trasport billi:

   (a) tiġi pprovduta u kondiviża l-informazzjoni dwar it-tagħmir u r-riżorsi tat-trasport li jistgħu jsiru disponibbli mill-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġi ffaċilitat il-ġbir flimkien ta' tali tagħmir jew riżorsi tat-trasport;

   (b) jiġu assistiti l-Istati membri biex jidentifikaw, u jiġi ffaċilitat l-aċċess tagħhom għal, riżorsi tat-trasport li jistgħu jkunu disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali;

   (ċ) jiġu assistiti l-Istati membri biex jidentifikaw it-tagħmir li jista' jkun disponibbli minn sorsi oħra, inkluż is-suq kummerċjali;

9) jiġi kkomplementat it-trasport pprovdut mill-Istati Membri billi jiġu pprovduti riżorsi addizzjonali tat-trasport meħtieġa biex tiġi żgurata reazzjoni rapida għal emerġenzi kbar;

10) tiġi appoġġata l-assistenza konsulari liċ-ċittadini ta' l-UE f'emerġenzi kbar f'pajjiżi terzi rigward attivitajiet tal-protezzjoni ċivili jekk mitlub mill-awtoritajiet konsulari ta' l-Istati Membri;

11) azzjonijiet oħra ta' appoġġ u komplementarji li jkunu meħtieġa fil-qafas tal-Mekkaniżmu kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Strument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili ([1]).

*Artikolu 3*

Għall-iskop ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) "emerġenza kbira" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li għandha jew jista' jkollha impatt negattiv fuq il-persuni, l-ambjent jew il-proprjetà u li tista' tirriżulta f'sejħa għall-assistenza taħt dan il-Mekkaniżmu;

2) "rispons" tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda taħt il-Mekkaniżmu waqt jew wara emerġenza maġġuri sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi immedjati tagħha;

3) "tħejjija" tfisser stat ta' tħejjija u kapaċità ta' mezzi umani u materjali li tippermettilhom jiżguraw reazzjoni rapida u effettiva għal emerġenza, bħala riżultat ta' l-azzjoni meħuda minn qabel;

4) "twissija bikrija" tfisser il-provvista ta' informazzjoni fil-ħin u effettiva li tippermetti li tittieħed azzjoni biex tevita jew tirriduċi riskji u tiżgura preparatezza għal rispons effettiv;

([1]) ĠU L 71, 10.3.2007, p. 9.

5) "modulu" tfisser arranġament awto-suffiċjenti u awtonomu tal-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri mmexxi mill-ħidma u l-ħtiġijiet jew tim mobbli operattiv ta' l-Istati Membri li jirrappreżenta kombinazzjoni ta' mezzi umani u materjali, li jista' jkun deskritt f'termini tal-kapaċità għal intervent jew permezz ta' ħidma(iet) li huwa kapaċi jwettaq.

KAPITOLU II

## L-istat ta' preparament

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw bil-quddiem timijiet jew moduli ta' l-intervent fi ħdan servizzi kompetenti tagħhom, b'mod partikolari s-servizzi tagħhom tal-protezzjoni ċivili jew servizzi oħra ta' emerġenza, li jistgħu jkunu disponibbli għall-intervent jew li jistgħu jkunu stabbiliti f'qasir żmien u jintbagħtu, ġeneralment fi żmien 12-il siegħa wara t-talba għall-għajnuna. Għandhom iqisu li l-kompożizzjoni tat-tim jew tal-modulu tiddependi fuq it-tip ta' l-emerġenza kbira u fuq il-ħtiġijiet partikolari ta' dik l-emerġenza.

2. L-Istati Membri għandhom jagħżlu esperti li jistgħu jiġu msejħa sabiex iservu fuq il-post ta' l-emerġenza tim responsabbli għall-evalwazzjoni u/jew koordinament.

3. L-Istati Membri għandhom jaħdmu fuq bażi volontarja biex jiżviluppaw moduli, b'mod partikolari biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' intervent jew ta' appoġġ taħt il-Mekkaniżmu, li:

(a) huma magħmula mir-riżorsi ta' Stat wieħed jew aktar li jipparteċipaw fil-Mekkaniżmu;

(b) huma kapaċi jwettqu ħidmiet fl-oqsma ta' rispons;

(ċ) huma kapaċi jwettqu l-ħidma tagħhom skond il-linji gwida internazzjonali rikonoxxuti u, għaldaqstant kapaċi:

(i) jintbagħtu b'avviż ferm qasir wara talba għal assistenza,

(ii) jaħdmu b'mod awto-suffiċjenti u awtonomu għal perijodu determinat ta' żmien jekk iċ-ċirostanzi fil-post hekk jeħtieġu;

d) huma interoperabbli ma' moduli oħra;

e) ikunu ħadu taħriġ u eżerċizzji biex jissodisfaw il-ħtiġiet ta' interoperabilita' taħt a) u d);

f) tqiegħdu taħt l-awtorità ta' persuna li hija responsabbli għall-funzjonament tagħhom;

g) huma kapaċi jipprovdu assistenza lil korpi oħra ta' l-UE u/jew istituzzjonijiet internazzjonali, speċjalment in-NU.

4. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-possibbiltà li jipprovdu, skond ma jkun meħtieġ, appoġġ ieħor ta' l-intervent li jista' jkun disponibbli mingħand is-servizzi kompetenti, bħalma huma staff speċjalizzat u tagħmir biex jittrattaw emerġenza partikolari, u li jsejħu għall-użu ta' riżorsi li jistgħu jiġu pprovduti minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u entitajiet rilevanti oħra.

5. L-Istati Membri li jixtiequ, jistgu, soett gar-restrizzjonijiet tas-sigurta' xierqa, jipprovdu l-informazzjoni dwar l-assi u l-kapaitajiet militari relevanti li jistgu jintu¿aw bala l-aar ga¿la bala parti minn assistenza tal-protezzjoni ivili permezz tal-Mekkani¿mu, bal appo ta' trasport jew loistiku jew mediku.

6. L-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tagħrif ġenerali rilevanti dwar it-timijiet, l-esperti, il-moduli u appoġġ ieħor ta' l-intervent li jissemmew fil-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u minnufih jaġġornaw dan it-tagħrif meta meħtieġ, kif ukoll dwar ir-riżorsi mediċi msemmija f' punt (6) ta' l-Artikolu 5.

7. L-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni jekk jitolbu dan, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-trasport f'waqtu ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili offerta.

8. L-Istati Membri għandhom jiddenominaw il-punti ta' kuntatt u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan kollu.

*Artikolu 5*

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan li ġej:

1) tistabbilixxi u tmexxi l-MIC;

2) tistabbilixxi u tmexxi s-CECIS;

3) tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' sistemi ta' individwazzjoni u ta' twissija bikrija għad-diżastri kif previst fil-punt (7) ta' l-Artikolu 2;

4) tistabbilixxi l-kapaċità li torganizza u tiġbor u tibgħat kemm jista' jkun malajr, timijiet żgħar ta' esperti li jkunu responsabbli:

(a) mill-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istat li jkun qed jitlob l-assistenza bil-ħsieb ta' l-għajnuna disponibbli min-naħa ta' l-Istati Membri u tal-Mekkaniżmu;

(b) li jiffaċilitaw, meta jkun meħtieġ, il-koordinament tal-ħidmiet ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili fuq il-post u jikkoordinaw, meta jkun meħtieġ u xieraq, ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li jitlob l-għajnuna;

5) tistabilixxi programm ta' taħriġ, bil-għan li jitjieb il-kordinament ta' l-assistenza permezz ta' intervent fil-protezzjoni ċivili billi jiġu żgurati l-kompatibbiltà u l-kumplimenarjetà bejn it-timijiet ta' l-intervent u moduli msemmija fl-Artikolu 4(1) jew, kif xieraq, appoġġi oħra ta' intervent kif stabbilit fl-Artikolu 4(4), u billi jtejbu l-kompetenza ta' l-esperti li jagħmlu l-istima msemmija fl-Artikolu 4(2). Il-programm għandu jinkludi korsijiet u eżerċizzi konġunti u sistema ta' skambju li biha individwi jistgħu jiġu ssekondati mat-timijiet fi Stati Membri oħra;

6) tiġbor flimkien u tikkompila fl-eventwalità ta' emerġenza kbira, it-tagħrif dwar il-kapaċitajiet ta' l-Istati Membri li jissoktaw il-produzzjoni tas-sera u tat-tilqim jew ta' riżorsi oħra mediċi meħtieġa u jżommu ħażniet ta' dawn li jistgħu jsiru disponibbli għall-intervent;

7) tistabbilixxi programm ta' tagħlimiet meħuda mill-interventi li jkunu saru fil-qafas tal-Mekkaniżmu u xxerred dawn it-tagħlimiet permezz tas-sistema ta' l-informazzjoni;

8) tistimula u tinkoraġġixxi l-introduzzjoni u l-użu ta' teknoloġiji ġodda għall-fini tal-Mekkaniżmu;

9) tieħu l-miżuri elenkati fil-punti (8) u (9) ta' l-Artikolu 2;

10) tistabbilixxi l-kapaċità li tipprovdi l-appoġġ loġistiku tal-bażi għall-evalwazzjoni u/jew il-koordinament ta' l-esperti;

11) tieħu kwalunkwe azzjoni ta' appoġġ u komplementari li tkun meħtieġa fil-qafas tal-Mekkaniżmu kif imsemmi fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 2007/162/KE, Euratom.

KAPITOLU III

## Ir-Reazzjoni

*Artikolu 6*

1. Fl-eventwalità ta' emerġenza kbira ġewwa l-Komunità, jew it-theddida imminenti tagħha, li tikkawża jew tkun kapaċi tikkawża effetti li jaqsmu l-fruntieri, l-Istat Membru li fih tkun ġrat l-emerġenza għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li għandhom mnejn jiġu affettwati mill-emerġenza.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-obbligu tan-notifika jkun diġà ġie indirizzat taħt il-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità Ewropea jew tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika jew ftehim internazzjonali eżistenti.

2. Fl-eventwalità ta' emerġenza kbira ġewwa l-Komunità, jew it-theddida imminenti tagħha, li jista' jkollha l-konsegwenza li wieħed jew aktar mill-Istati Membri jsejjaħ/jsejħu għall-għajnuna, l-Istat Membru li fih tkun ġrat l-emerġenza għandu, mingħajr dewmien, jinnotifika b'dan lill-Kummissjoni, meta tkun tista' tiġi antiċipata talba għall-għajnuna permezz ta' l-MIC, biex il-Kummissjoni, kif ikun f'loku, tkun tista' tinforma lill-Istati Membri l-oħra u tħaddem is-servizzi kompetenti tagħha.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 u 2 għandhom isiru permezz tas-*CECIS*, kif ikun f'loku.

*Artikolu 7*

1. Meta tinqala' emerġenza kbira ġewwa l-Komunità, l-Istat Membru jista' jitlob l-għajnuna permezz ta' l-MIC jew inkella direttament mill-Istati Membri l-oħra. It-talba għandha tkun speċifika kemm jista' jkun.

2. Fil-każ ta' talba għall-għajnuna permezz ta' l-MIC, il-Kummissjoni għandha, mal-wasla ta' talba bħal din, kif xieraq u mingħajr dewmien:

(a) tibgħat it-talba lill-punti tal-kuntatt ta' l-Istati Membri l-oħra,

(b) tiffaċilita l-mobilizzazzjoni tat-timijiet, ta' l-esperti, tal-moduli u ta' l-appoġġi l-oħra għall-intervent,

(ċ) tiġbor it-tagħrif ivvalidat dwar l-emerġenza u xxerrdu ma' l-Istati Membri.

3. Kull Stat Membru li lilu tkun indirizzata talba għall-għajnuna għandu minnufih jistabbilixxi jekk ikunx f'pożizzjoni li jagħti l-għajnuna mitluba, u jgħarraf lill-Istat Membru li jkun qiegħed jitlobha b'dan, jew permezz tal-MIC jew direttament, filwaqt li jindika l-ambitu u l-kondizzjonijiet dwar kull għajnuna li jkun jista' jagħti. Jekk Stat Membru jinforma direttament lill-Istat Membru li jkun qed jagħmel it-talba, għandu jgħarraf ukoll lill-MIC b'dan kollu. Il-MIC għandu jżomm lill-Istati Membri infurmati.

4. L-Istat Membru li jkun qiegħed jagħmel it-talba għandu jkun responsabbli li jidderieġi l-interventi ta' għajnuna. L-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba għandhom jistabbilixxu linji ta' gwida u, jekk meħtieġ, jiddefinixxu l-limiti tal-kompiti fdati f'idejn it-timijiet ta' l-intervent jew moduli. Id-dettalji tat-twettiq ta' dawk il-ħidmiet għandhom jitħallew għall-persuna inkarigata maħtura mill-Istat Membru li jkun qiegħed jagħti l-għajnuna.

5. Meta l-Istat Membru li jagħmel it-talba jitlob lit-timijiet ta' l-intervent sabiex jidderieġu l-intervent f'ismu, it-timijiet ipprovvduti mill-Istati Membri u mill-Komunità għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jikkoordinaw l-operazzjonijiet tagħhom.

6. Meta jintbagħtu timijiet responsabbli għall-evalwazzjoni u/jew il-koordinament, għandhom jiffaċilitaw il-koordinament bejn it-timijiet ta' l-intervent u jikkoordinaw ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jagħmel it-talba.

*Artikolu 8*

1. Fl-eventwalità tas-sehħ ta' emerġenza kbira barra l-Komunità, l-Artikolu 7 jista' wkoll, fuq talba, jiġi applikat rigward interventi tal-protezzjoni ċivili barra mill-Komunità.

Dawn l-interventi jistgħu jew jiġu kondotti bħala intervent awtonomu ta' għajnuna jew bħala kontribut għall-intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali.

L-ambitu ta' l-arranġamenti ta' koordinament li jinsabu f'dan l-Artikolu għandu jinkludi biss assistenza li tgħaddi mill-Mekkaniżmu.

Il-miżuri meħuda skond dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-miżuri adottati taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

2. Meta l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili kif imsemmi fil-paragrafu 1 tingħata b'reazzjoni għal talba mqassma permezz ta' l-MIC, l-Istat Membru li jkollu f'idejh il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (il-Presidenza) għandu jiżgura l-koordinament ġenerali ta' l-interventi ta' l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili filwaqt li jirrispetta r-rwol ta' koordinament operattiv tal-Kummissjoni kif imniżżel fil-paragrafu 4.

3. Rigward il-koordinament politiku u strateġiku, il-Presidenza għandha b'mod partikolari:

(a) tevalwa l-adegwatezza ta' l-użu possibbli tal-Mekkaniżmu bħala għodda biex jiffaċilita u jappoġġa l-ġestjoni ta' kriżi;

(b) fejn iqis dan meħtieġ, jistabbilixxi relazzjonijiet mal-pajjiż terz milqut fil-livell politiku u jikkoordina ma' dak il-pajjiż fl-istadji kollha ta' l-emerġenza rigward il-qafas politiku u strateġiku ġenerali ta' l-intervent ta' għajnuna.

Fejn dan ikun f'loku, il-Presidenza tista' titlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh ir-responsabbiltà, għal kollox jew parzjalment, għall-koordinament politiku u strateġiku, jew jitlob lill-Kummissjoni biex tappoġġa dak il-koordinament.

4. Il-koordinament operattiv għandu jitwettaq mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza fil-qafas tal-koordinament politiku u strateġiku msemmi fil-paragrafu 3. Il-koordinament operattiv għandu jkun magħmul mill-attivitajiet li ġejjin kif xieraq:

(a) iż-żamma ta' djalogu kontinwu mal-punti ta' kuntatt ta' l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat kontribut Ewropew għall-protezzjoni ċivili effettiv u koerenti permezz tal-Mekkaniżmu għall-isforz globali ta' għajnuna, b'mod partikolari:

   (i) li l-Istati Membri jiġu infurmati mingħajr dewmien bit-talbiet intieri għall-għajnuna,

   (ii) li jintbagħtu fil-post timijiet ta' evalwazzjoni u/jew koordinament biex iwettqu evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet u/jew jiffaċilitaw il-koordinament operattiv fil-post ta' l-għajnuna li tgħaddi mill-Mekkaniżmu,

   (iii) li jiġu stabbiliti evalwazzjonijiet tal-ħtiġijiet f'kooperazzjoni ma' timijiet ta' evalwazzjoni u/jew koordinament u atturi oħra, inklużi servizzi oħra ta' l-UE,

   (iv) li jiġu kondiviżi evalwazzjonijiet u analiżi rilevanti ma' l-atturi kollha rilevanti,

   (v) li tiġi pprovduta deskrizzjoni ġenerali ta' l-għajnuna li qed tiġi offruta mill-Istati Membri u permezz ta' sorsi oħra,

   (vi) li jingħata parir dwar it-tip ta' għajnuna meħtieġa sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili pprovduta tkun konsistenti ma' l-evalwazzjoni tal-ħtiġijiet,

   (vii) li tingħata għajnuna biex tingħeleb kull diffikultà prattika fl-għoti ta' għajnuna f'żoni bħat-transitu u d-dwana;

(b) il-koordinament mal-pajjiż terz milqut dwar dettalji tekniċi bħall-ħtiġijiet preċiżi għall-għajnuna, l-aċċettazzjoni ta' offerti u l-arranġamenti prattiċi biex tiġi rċevuta u distribwita lokalment l-għajnuna;

(ċ) il-koordinament u l-kooperazzjoni ma' l-Uffiċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinament ta' l-Affarijiet Umanitarji (UNOCHA) meta din tkun preżenti u ma' atturi rilevanti oħra li jikkontribwixxu għall-isforz globali ta' għajnuna sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji, jitfittxu l-komplementarjetajiet u jiġu evitati duplikazzjoni u vojt;

(d) il-koordinament ma' l-atturi rilevanti kollha, b'mod partikolari fil-fażi ta' għeluq ta' l-intervent ta' għajnuna taħt il-Mekkaniżmu, biex tiġi ffaċilitata konsenja bla xkiel.

5. Fejn xieraq, il-Kummissjoni tista', fuq bażi ta' każ b'każ, twettaq kompiti operattivi addizzjonali bil-qbil tal-Presidenza.

6. Il-Kummissjoni tista', f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza, taħtar it-timijiet ta' evalwazzjoni u/jew ta' koordinament msemmija fil-paragrafu 4 (a) (ii). It-timijiet għandhom ikunu magħmula minn esperti u mexxej tat-tim pprovdut mill-Istati Membri fuq bażi ta' każ b'każ. Il-Kummissjoni għandha tagħżel l-esperti u l-mexxej għal dan it-tim abbażi tal-kwalifiki u l-esperjenza tagħhom, inkluż il-livell tat-taħriġ dwar il-Mekkaniżmu mwettaq, l-esperjenza preċedenti ta' missjonijiet taħt il-Mekkaniżmu u ħidma oħra ta' għajnuna internazzjonali. L-għażla għandha tkun ibbażata wkoll fuq kriterji oħra, inklużi l-kapaċitajiet lingwistiċi, sabiex tiżgura li t-tim fl-intier tiegħu jkollu disponibbli l-kapaċitajiet meħtieġa għas-sitwazzjoni speċifika.

Il-MIC għandu jżomm kuntatt mill-qrib mat-timijiet ta' evalwazzjoni u/jew ta' koordinament u jipprovdilhom appoġġ u gwida.

7. Il-Presidenza u l-Kummissjoni għandhom jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib u jżommu djalogu kontinwu fl-istadji kollha ta' l-emerġenza dwar l-intervent.

Il-koordinament operattiv għandu jkun integrat bis-sħiħ mal-koordinament globali pprovdut mill-UNOCHA, meta dawn ikunu preżenti, u għandu jirrispetta r-rwol ta' mexxej tagħhom.

Il-koordinament permezz tal-Mekkaniżmu ma jaffettwax la l-kuntatti bilaterali bejn l-Istati Membri parteċipanti u l-pajjiż milqut, u lanqas il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u n-Nazzjonijiet Uniti. Tali kuntatti bilaterali jistgħu wkoll jintużaw biex isir kontribut għall-koordinament permezz tal-Mekkaniżmu.

Għandhom jitfittxu sinerġiji u komplementarjetajiet ma' strumenti oħra ta' l-Unjoni jew tal-Komunità. B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-komplementarjetà u l-koerenza ta' l-azzjonijiet taħt il-Mekkaniżmu u l-azzjonijiet iffinanzjati taħt ir-Regolament (KE) Nru 1257/96.

Fl-eventwalità ta' emerġenza kbira barra mill-Komunità, l-użu possibbli ta' assi u kapaċitajiet militari disponibbli biex jappoġġaw il-protezzjoni ċivili għandu jkun konsistenti mal-prinċipji tal-Linji Gwida rilevanti tan-NU.

8. Ir-rwoli ta' koordinament tal-Presidenza u tal-Kummissjoni msemmija f'dan l-Artikolu m'għandhomx jaffettwaw il-kompetenzi u r-responsabbiltà ta' l-Istati Membri għat-timijiet, il-moduli u appoġġ ieħor tagħhom, inklużi assi u kapaċitajiet militari. B'mod partikolari, il-koordinament mill-Presidenza u l-Kummissjoni m'għandhomx jinvolvu l-għoti ta' ordnijiet lit-timijiet, il-moduli u assi u kapaċitajiet oħra ta' l-Istati Membri, li għandhom jiġu insedjati fuq bażi volontarja skond il-koordinament fil-livell ta' kwartieri ġenerali u fil-post.

9. Sabiex ikun jista' jseħħ il-koordinament imsemmi hawn fuq u biex jiġi żgurat kontribut komprensiv għall-isforz globali ta' għajnuna:

(a) l-Istati Membri kollha li jipprovdu l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili kif imsemmi fil-paragrafu 1 b'reazzjoni għal talba mqassma permezz ta' l-MIC għandhom iżommu lill-MIC infurmat bis-sħiħ bl-attivitajiet tagħhom, u

(b) it-timijiet u l-moduli ta' Istati Membri fil-post li qed jipparteċipaw fl-intervent permezz tal-Mekkaniżmu għandhom jikkoordinaw mill-qrib mat-timijiet ta' koordinament u/jew ta' evalwazzjoni tal-MIC fil-post.

*Artikolu 9*

Il-Kummissjoni tista' tappoġġa u tikkomplementa l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili mogħtija mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Mekkaniżmu billi jieħdu l-miżuri elenkati fl-punti (8) u (9) ta' l-Artikolu 2.

KAPITOLU IV

## Id-Dispożizzjonijiet Finali

*Artikolu 10*

Il-parteċipazzjoni fil-Mekkaniżmu għandha tkun miftuħa għall-pajjiżi kandidati.

Pajjiżi terzi oħra, kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali jistgħu jikkooperaw f'attivitajiet taħt dan il-Mekkaniżmu, meta l-ftehim bejn dawn il-pajjiżi terzi jew l-organizzazzjonijiet u l-Komunità jkunu jippermettu dan.

*Artikolu 11*

Għall-finijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti u jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan.

*Artikolu 12*

Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 13 (2), tistabbilixxi regoli ta' l-implimentazzjoni b'mod partikolari rigward il-materji li ġejjin:

1) ir-riżorsi disponibbli għall-intervent ta' għajnuna, kif jipprovdi l-Artikolu 3;

2) l-MIC, kif jipprovdi l-punt (5) ta' l-Artikolu 2;

3) is-CECIS, kif previst fil-punt (6) ta' l-Artikolu 2;

4) it-timijiet responsabbli għall-evalwazzjoni u/jew il-koordinament, kif previst fil-punt (4) ta’ l-Artikolu 2 inklużi l-kriterji għall-għażla ta’ l-esperti;

5) il-programm tat-taħriġ, kif jipprovdi l-punt (2) ta’ l-Artikolu 2;

6) il-moduli kif previst fl-Artikolu 4 (3),

7) is-sistemi ta’ individwazzjoni u ta’ twissija bikrija kif previst fil-punt (3) ta’ l-Artikolu 5,

8) it-tagħrif dwar ir-riżorsi mediċi, kif jipprovdi il-punt (6) ta’ l-Artikolu 5;

9) l-interventi ġewwa l-Komunità, kif jipprovdi l-Artikolu 7 kif ukoll l-interventi barra mill-Komunità jipprovdi l-Artikolu 8.

*Artikolu 13*

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2007/162/KE, Euratom.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jiġi ffissat għal tliet xhur.

*Artikolu 14*

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni ta’ din id-Deċiżjoni kull tliet snin mid-data tan-notifika tagħha u tibgħat il-konklużjonijiet ta’ din il-valutazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Mal-konklużjonjiet għandhom jintbagħtu, jekk dan ikun f’loku, proposti għal emendi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 15*

Id-Deċiżjoni 2001/792/KE, Euratom għandha tkun imħassra.

Referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni u għandhom jinqraw f’konformità mat-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness.

*Artikolu 16*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 8 ta’ Novembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

R. PEREIRA

*ANNESS II*

**Tabella ta' korrelazzjoni**

| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| Artikolu 1 (1) | Artikolu 1 (1) |
| Artikolu 1.2, l-ewwel sentenza | Artikolu 1 (2), l-ewwel u t-tieni subparagrafu |
| Artikolu 1 (2), it-tielet subparagrafu | Premessa 4, it-tieni sentenza |
| Artikolu 1 (3), is-sentenza introduttorja | Artikolu 2, is-sentenza introduttorja |
| Artikolu 1 (3), l-ewwel inċiż | Artikolu 2 punt (1) |
| Artikolu 1 (3), it-tieni inċiż | Artikolu 2 punt (2) |
| Artikolu 1 (3), it-tielet inċiż | Artikolu 2 punt (3) |
| Artikolu 1 (3), ir-raba' inċiż | Artikolu 2 punt (4) |
| Artikolu 1 (3), il-ħames inċiż | Artikolu 2 punt (5) |
| Artikolu 1 (3), is-sitt inċiż | Artikolu 2 punt (6) |
| — | Artikolu 2 punt (7) |
| — | Artikolu 2 punt (8) |
| — | Artikolu 2 punt (9) |
| — | Artikolu 2 punt (10) |
| Artikolu 1 (3), is-seba' inċiż | Artikolu 2 punt (11) |
| — | Artikolu 3 |
| Artikolu 2 (1) | Artikolu 6 (1) u (2) |
| Artikolu 2 (2) | Artikolu 6 (3) |
| Artikolu 3, frażi introduttorja | — |
| Artikolu 3, punt (a) | Artikolu 4 (1) |
| Artikolu 3 punt (b) | Artikolu 4 (2) |
| — | Artikolu 4 (3) |
| Artikolu 3 punt (c) | Artikolu 4 (4) |
| Artikolu 3 punt (d) | Artikolu 4 (5) |
| — | Artikolu 4 (6) |
| — | Artikolu 4 (7) |
| Artikolu 3 punt (e) | Artikolu 4 (8) u Artikolu 11 |
| Artikolu 4 punt (a) | Artikolu 5 punt (1) |
| Artikolu 4 punt (b) | Artikolu 5 punt (2) |
| — | Artikolu 5 punt (3) |
| Artikolu 4 punt (c) | Artikolu 5 punt (4) |
| Artikolu 4 punt (d) | Artikolu 5 punt (5) |
| Artikolu 4 punt (e) | Artikolu 5 punt (6) |

| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom | Din id-Deċiżjoni |
|---|---|
| Artikolu 4 punt (f) | Artikolu 5 punt (7) |
| Artikolu 4 punt (g) | Artikolu 5 punt (8) |
| Artikolu 4 punt (h) | Artikolu 5 punt (9) |
| — | Artikolu 5 punt (10) |
| — | Artikolu 5 punt (11) |
| Artikolu 5 (1) | Artikolu 7 (1) u (2) |
| Artikolu 5 (2) | Artikolu 7.1 |
| Artikolu 5 (3) | Artikolu 7.2 |
| Artikolu 5 (4) | Artikolu 7.3 |
| Artikolu 5 (5) | Artikolu 7.4 |
| Artikolu 6, l-ewwel subparagrafu | Artikolu 8.1 |
| Artikolu 6, it-tieni subparagrafu | Artikoli 8.2, sa 8.9 |
| — | Artikolu 9 |
| Artikolu 7 | Artikolu 10, l-ewwel subparagrafu |
| — | Artikolu 10, it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 8 (1) | — |
| Artikolu 8 (2), sentenza tal-bidu | Artikolu 12, sentenza tal-bidu |
| Artikolu 8 (2)(a) | Artikolu 12 punt (1) |
| Artikolu 8 (2)(b) | Artikolu 12 punt (2) |
| Artikolu 8 (2)(c) | Artikolu 12 punt (3) |
| Artikolu 8 (2)(d) | Artikolu 12 punt (4) |
| Artikolu 8 (2)(e) | Artikolu 12 punt (5) |
| — | Artikolu 12 punt (6) |
| — | Artikolu 12 punt (7) |
| Artikolu 8 (2)(f) | Artikolu 12 punt (8) |
| Artikolu 8 (2)(g) | Artikolu 12 punt (9) |
| Artikolu 9 (1) | Artikolu 13 (1) |
| Artikolu 9 (2) | — |
| Artikolu 9 (3) | Artikolu 13 (2) |
| Artikolu 9 (4) | |
| Artikolu 10 | Artikolu 14 |
| — | Artikolu 15 |
| Artikolu 11 | — |
| Artikolu 12 | Artikolu 16 |

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Novembru 2007

## li temenda d-Deċiżjoni 2003/17/KE dwar l-ekwivalenza ta' l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/780/KE)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq ta' żerriegħa ta' pjanti ta' l-għalf (1), u b'mod partikolari l-Artikolu (16)1 tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-ġwież (2), u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2002/54/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-bejgħ fis-suq ta' żerriegħa tal-pitravi (3), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/57/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-*marketing* taż-żerriegħa ta' pjanti taż-żejt u tal-fibra (4), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 (5) tipprovdi li għal perjodu limitat taż-żmien, l-ispezzjonijiet imwettqa f'ċerti pajjiżi terzi fuq uċuħ tar-raba' għall-produzzjoni taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja u li ż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotti f'dawn il-pajjiżi tiġi kkunsidrata bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta skond il-leġiżlazzjoni Komunitarja.

(2) Jidher li dawk l-ispezzjonijiet fuq il-post għadhom jagħtu l-istess garanziji bħal dawk imwettqa mill-Istati Membri. Dawn l-ispezzjonijiet fuq il-post għandhom għalhekk ikomplu jitqiesu bħala ekwivalenti.

(3) Billi d-Deċiżjoni 2003/17/KE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2007, il-perjodu li għalih hija rikonoxxuta l-ekwivalenza skond dik id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż. Jidher mixtieq li dan il-perjodu jiġi limitat għal ħames snin.

(4) Id-Deċiżjoni 2003/17/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, "il-31 ta' Diċembru 2007" hija sostitwita bi "il-31 ta' Diċembru 2012".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. SILVA

---

(1) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/117/KE (ĠU L 14, 18.1.2005, p. 18).

(2) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2309/66. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/55/KE (ĠU L 159, 13.6.2006, p. 13).

(3) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 12. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/117/KE.

(4) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 74. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2004/117/KE.

(5) ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-21 ta' Awwissu 2007**

**li tiddikjara li konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-suq komuni u mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE**

**(Każ COMP/M.4523 – Travelport/Worldspan)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 3938)*

**(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2007/781/KE)

*Fil-21 ta' Awwissu 2007, il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' amalgamazzjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ta' l-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament* ([1]). *Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-deċiżjoni sħiħa tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ u fil-lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni fuq is-sit web tad-Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_mt.html*

### I. SOMMARJU

(1) Travelport LLC, kumpanija sussidjarja tal-Grupp Blackstone ("Blackstone", l-Istati Uniti ta' l-Amerika), topera lil Galileo – sistema globali ta' distribuzzjoni ("GDS") u lil Gulliver's Travel Associates. Barra minn hekk, Travelport topera numru ta' aġenziji ta' l-ivvjaġġar *online* u ta' *website*s dwar il-vjaġġi, li jinkludu lil ebookers, Orbitz, Cheaptickets, Octopus Travel, HotelClub u RatesToGo.

(2) Worldspan Technologies Inc. ("Worldspan") tipprovdi servizzi ta' distribuzzjoni ta' l-ivvjaġġar permezz ta' Worldspan GDS. Il-kumpanija tiffoka fuq l-għoti ta' servizzi GDS lil aġenziji ta' l-ivvjaġġar *online* u dan l-aħħar anki lil aġenziji ta' l-ivvjaġġar tradizzjonali, primarjament fis-settur tad-divertiment. Barra minn hekk, Worldspan tipprovdi servizzi ta' l-IT lil-linji ta' l-ajru (eż. sistemi interni ta' prenotazzjoni u servizzi ta' teknoloġija ta' l-operazzjonijiet tat-titjiriet).

(3) Skond l-operazzjoni, ibbażata fuq referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") Travelport qed takkwista, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll sħiħ fuq Worldspan permezz tax-xiri ta' l-ishma.

(4) L-investigazzjoni tas-suq li għamlet il-Kummissjoni żvelat li l-konċentrazzjoni proposta mhu se tagħti lok għall-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni li minħabba fiha l-kompetizzjoni effettiva fis-Suq Komuni jew f'parti sostanzjali minnu tkun imfixkla b'mod sinifikanti.

### II. MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

#### II.1. Is-Suq tal-Prodotti Rilevanti u d-Definizzjonijiet Possibbli ta' Suq Alternattiv

(5) F'każi preċedenti, il-Kummissjoni ddefiniet GDS bħala għodda pprovduta lill-aġenziji ta' l-ivvjaġġar ("TAs") sabiex ikunu jistgħu jiksbu informazzjoni u jagħmlu prenotazzjonijiet relatati mal-fornituri tas-servizzi ta' l-ivvjaġġar ("TSPs"), jiġifieri, il-linji ta' l-ajru, il-lukandi u d-ditti tal-kiri tal-karozzi, li min-naħa tagħhom jipprovdu lill-GDS b'*data* dwar il-prodotti li jipprovdu.

(6) Is-suq tal-prodotti li ġie affetwat minn din it-tranżazzjoni ġie definit fid-Deċiżjoni bħala s-suq għas-servizzi elettroniċi tad-distribuzzjoni ta' l-ivvjaġġar permezz ta' GDS. Dan is-suq għandu żewġ lati, b'żewġ kategoriji separati ta' klijenti. Il-fornituri tal-GDSs jagħmluha ta' intermedjarji, fejn fuq in-naħa l-waħda jħallu lit-TSPs (eqreb tal-punt ta' produzzjoni mill-fornitur tal-GDSs) iqassmu l-kontenut tal-vjaġġi tagħhom lit-TAs u fl-aħħar mill-aħħar lill-konsumaturi aħħarija u fuq in-naħa l-oħra, it-TAs (eqreb tal-punt ta' bejgħ mill-fornitur tal-GDSs) li jkollhom aċċess u jipprenotaw il-kontenut tal-vjaġġi għall-konsumaturi aħħarija. L-investigazzjoni approfondita kkonfermat dawn il-karatteristiċi tas-suq tal-prodotti.

(7) Il-Kummissjoni vvalutat jekk – kif iddikjarat il-parti li għamlet in-notifika – is-suq rilevanti tal-prodotti jikkonsistix mhux biss mill-fornituri tal-GDSs infushom imma anki minn teknoloġiji alternattivi li permezz tagħhom il-fornituri tal-GDSs jistgħu jinqabżu u l-użu tagħhom jiġi evitat. Dawn l-alternattivi huma (i.) magni tar-riċerka dwar magni tar-riċerka (*meta search engines*), (ii.) links diretti, (iii.) dawk li jissejħu "Operaturi Ġodda tal-GDSs" ("*GDS New Entrants*" – "GNEs") u (iv.) s-"*supplier.com*" (is-siti tal-fornituri).

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

(8) L-inklużjoni ta' l-ewwel tlieta fis-suq rilevanti tal-prodotti mhux qed jiġi diskuss f'din id-Deċiżjoni, peress li l-investigazzjoni approfondita wriet biċ-ċar li dawn jew mhumiex sostituti reali tal-GDSs, jew li l-preżenza u/jew l-impatt tagħhom fiż-ŻEE huma ferm limitati. Sabiex ikun iddeterminat jekk is-servizzi pprovduti permezz tas-"*supplier.com*" humiex sostitwibbli għas-servizzi tal-GDSs u humiex parti mill-istess suq tal-prodotti, twettqet valutazzjoni kumplessa li tkopri ż-żewġ lati tas-suq.

(9) Fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' produzzjoni tas-suq, is-"*supplier.com*" jippermettu li t-TSPs inaqqsu b'mod sinifikanti l-ispejjeż ta' distribuzzjoni medji u marġinali tagħhom, peress li fl-aħħar mill-aħħar jiffrankaw il-ħlas tal-prenotazzjoni mitluba mill-GDS kif ukoll il-kummissjoni possibbli fuq il-prenotazzjoni li titħallas mit-TA li tkun qed tagħmel il-prenotazzjoni tal-GDS.

(10) B'hekk, il-linji ta' l-ajru konvenzjonali jkunu jistgħu jikkompetu aħjar mat-Trasportaturi *Low Cost* ("LCCs"), li l-kanal ewlieni tagħhom huwa s-"*supplier.com*". Inċentiv addizzjonali għat-TSPs sabiex jippromwovu s-"*supplier.com*" huwa l-fatt li x-xiri b'paragun bejn it-TSPs mill-utent aħħari isir aktar diffiċli peress li jkollhom jiġu konsultati siti web individwali. Dan jispjega parzjalment it-tkabbir tas-"*supplier.com*" f'dawn l-aħħar snin. Skond id-*data* ta' l-IATA, fl-2005, bejn wieħed u ieħor 25 % tal-prenotazzjonijiet kollha ta' l-akbar 20 linja ta' l-ajru fiż-ŻEE kienu prenotazzjonijiet diretti (meta pparagunati ma' l-20 % ta' l-2004 u mas-16 % ta' l-2003).

(11) L-investigazzjoni approfondita wriet li l-firxa sakemm it-TSPs ikunu jistgħu jċaqilqu l-prenotazzjonijiet 'il boghod mill-fornituri tal-GDSs lejn is-"*supplier.com*" tagħhom tvarja b'mod konsiderevoli, skond il-mudell kummerċjali magħżul mit-TSP. Hija wkoll dipendenti mid-daqs u mill-profil ta' mġiba tal-bażi tal-konsumatur aħħari, li sa ċertu punt hija "dipendenti" (*captive*) mid-distribuzzjoni tal-kontenut tal-vjaġġi permezz ta' GDS.

(12) Fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ, meta jipprenotaw permezz ta' GDS, it-TAs jirċievu pagamenti ta' inċentiv sostanzjali mill-fornituri tal-GDSs imma anki kummissjonijiet fuq il-prenotazzjonijiet possibbli mħallsa mit-TSPs. Dan id-dħul se jintilef jekk it-TAs jipprenotaw permezz ta' "*supplier.com*". Sabiex ikun hemm kumpens għal dan it-telf ta' dħul, ikun meħtieġ li t-TAs jitolbu l-ħlas ta' servizz mingħand l-utent aħħari (li min-naħa tiegħu jagħti lill-utent aħħari l-inċentiv li jipprenota l-biljetti tiegħu permezz ta' "*supplier.com*" minflok permezz tat-TA, biex b'hekk jitnaqqas aktar id-dħul tat-TA). Għalhekk, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li t-TAs għandhom inċentivi qawwija sabiex ikomplu jużaw GDS u ma jissostitwux il-prenotazzjonijiet permezz ta' GDS bi prenotazzjonijiet permezz tas-"*supplier.coms*". L-investigazzjoni approfondita tal-Kummissjoni kkonfermat ukoll li t-TAs iqisu li l-użu tas-"*supplier.com*" huwa diffiċli u m'għandux il-versatilità ta' paragunabbiltà ta' l-inventarji u tal-prezzijiet li joffru l-GDSs.

(13) Meta jitqies li s-sostituzzjoni eqreb tal-punt ta' produzzjoni hija biss waħda parzjali, fejn tħalli volumi sostanzjali ta' prenotazzjonijiet ta' TSPs "dipendenti" fuq il-fornituri tal-GDSs u l-fatt li s-sostituzzjoni eqreb tal-punt ta' bejgħ hija ferm limitata, id-Deċiżjoni tikkonkludi li s-"*supplier.com*" m'għandhomx ikunu inklużi fis-suq rilevanti tal-prodotti fejn il-fornituri tal-GDSs ikunu attivi.

(14) Id-Deċiżjoni madankollu tirrikonoxxi li l-assorbiment rapidu tas-"*supplier.com*" għandu impatt fuq il-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq għas-servizzi tal-GDSs u tillimita l-imġiba fis-suq tad-ditti amalgamati.

## II.2. **Is-Swieq Ġeografiċi Rilevanti**

(15) Id-Deċiżjoni tiddefinixxi d-delineazzjoni tas-swieq ġeografiċi tan-naħa eqreb tal-punt ta' produzzjoni bħala li hija mifruxa maż-ŻEE kollha. Il-ftehimiet globali bejn it-TSPs u l-GDSs normalment jinkludu skemi separati ta' pprezzar reġjonali għaż-ŻEE, għall-Istati Uniti u għal partijiet oħra tad-dinja. Il-ħlasijiet ta' prenotazzjoni li joħorġu t-TSPs għal prenotazzjoni magħmula f'GDS huma sostanzjalment ogħla fiż-ŻEE milli fl-Istati Uniti. Barra minn hekk, is-suq taż-ŻEE huwa regolat mill-Kodiċi ta' Kondotta ta' l-UE, filwaqt li s-suq ta' l-Istati Uniti kien deregolat fl-2006. Fl-aħħarnett, l-ishma tas-suq tal-fornituri tal-GDSs ivarjaw sostanzjalment skond ir-reġjun u l-pajjiż ikkonċernat. Għalhekk, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kundizzjonijiet kompetittivi fiż-ŻEE u fl-Istati Uniti huma ferm differenti.

(16) Id-Deċiżjoni tiddefinixxi n-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq bħala ta' ambitu nazzjonali, peress li l-ishma tas-suq tal-fornituri tal-GDSs ivarjaw b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Dan huwa skond id-deċiżjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni u jiġi kkonfermat mill-investigazzjoni tas-suq. Kważi t-TAs kollha – ħafna drabi anki t-TAs *online* – għadhom attivi f'pajjiż wieħed biss, bl-eċċezzjoni ta' ftit TAs li għandhom attivitajiet pan-Ewropej (jew dinjija). Il-ħlasijiet ta' abbonament li jħallsu t-TAs sabiex jużaw GDS u l-ħlasijiet ta' inċentiv li jirċievu jvarjaw ukoll minn pajjiż għall-ieħor fiż-ŻEE. Barra minn hekk, Amadeus u Galileo stabbilew punti nazzjonali ta' bejgħ u ta' servizz fi kważi l-Istati Membri taż-ŻEE kollha, sabiex is-swieq speċifiċi nazzjonali jinqdew aħjar.

## II.3. **Il-Valutazzjoni Kompetittiva tat-teoriji ta' dannu**

### II.3.1. *It-teoriji ta' dannu*

(17) Fid-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni sabet li l-konċentrazzjoni notifikata qajmet dubji serji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq komuni u mal-funzjonament tal-Ftehim taż-ŻEE. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tat bidu għal proċeduri skond l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(18) Fid-Deċiżjoni ta' l-Artikolu 6(1)(c) tressaq l-argument li l-amalgamazzjoni, teoretikament, setgħet twassal għal effetti mhux ikkoordinati kif ukoll għal effetti ikkoordinati. Rigward l-effetti mhux ikkoordinati, il-Kummissjoni identifikat tliet teoriji ta' dannu li qieset bħala *prima facie* plawsibbli. Barra milli ġie vvalutat ir-riskju għall-effetti koordinati, il-Kummissjoni ffokat l-investigazzjoni approfondita tagħha ta' l-effetti mhux ikkoordinati fuq il-valutazzjoni ta' jekk:

(i) l-amalgamazzjoni tħallix li l-partijiet jużaw il-pożizzjoni qawwija tagħhom fis-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ fil-konfront tat-TAs sabiex iżidu l-prezzijiet meta pparagunati mat-TSPs li jinsabu eqreb tal-punt ta' produzzjoni ("effetti vertikali minn suq għall-ieħor");

(ii) l-amalgamazzjoni teliminax lil Worldspan bħala l-allegat *"pricing Maverick"* u għalhekk twassal għal żjidiet fil-prezzijiet wara l-amalgamazzjoni;

(iii) l-amalgamazzjoni tħallix lill-partijiet jesplojtjaw is-setgħa tas-suq ta' wara l-amalgamazzjoni tagħhom fil-konfront tat-TAs fl-Istati Membri fejn Galileo/Worldspan għandhom ħafna ishma tas-suq.

II.3.2. *L-effetti vertikali minn suq għall-ieħor ("multi-homing" vs "single-homing")*

(19) Matul l-istadju inizjali ta' l-investigazzjoni, kien hemm tħassib li Galileo/Worldspan tkun tista' tagħmel lieva fuq is-setgħa tas-suq ta' wara l-amalgamazzjoni tagħha fil-konfront tat-TAs f'numru ta' swieq nazzjonali eqreb tal-punt ta' bejgħ sabiex issaħħaħ is-setgħa ta' negozjar tagħha b'relazzjoni għat-TSPs li joperaw fis-suq taż-ŻEE eqreb tal-punt ta' produzzjoni. Din il-possibbiltà li ssir lieva fuq is-setgħa tas-suq tista' tissejjaħ "effett vertikali minn suq għall-ieħor". Effett ta' din ix-xorta jista' jiġi deskritt kif ġej.

(20) Wara l-amalgamazzjoni, Galileo/Worldspan għandha tikseb ishma kbar tas-suq b'żjidiet sinfikanti fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq fl-Irlanda, fir-Renju Unit, fl-Italja, fl-Olanda u fil-Belġju (ara t-taqsima dwar in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq t'aktar 'l isfel).

(21) Jekk TSP ikollu interess partikolari biex ikollu netwerk ta' distribuzzjoni estensiv fi Stat Membru fejn id-ditta amalgamata jkollha netwerk wiesa' ta' TAs, Galileo/Worldspan possibbilment jistgħu jagħmlu lieva fuq is-sehem tas-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ f'dak l-Istat Membru sabiex jinkisbu konċessjonijiet mingħand it-TSP meta jinnegozjaw ftehim dinji. Fi kliem ieħor, il-pożizzjoni ta' negozjar tad-ditta amalgamata fil-konfornt tat-TSPs tista' tirriżulta f'setgħa tas-suq akbar milli s-sehem tas-suq eqreb tal-punt ta' produzzjoni ta' Galileo/Worldspan [20-30 %] fiż-ŻEE jissuġġerixxi. Din is-setgħa ta' negozjar possibbilment tista' tħalli li l-entità kombinata żżid il-prezzijiet b'mod unilaterali wara l-amalgamazzjoni.

(22) Is-suq għas-servizzi tal-GDSs huwa karatterizzat minn pjattaforma li tiffaċċja l-"*multi-homing*" fuq in-naħa l-waħda u s-"*single-homing*" fuq in-naħa l-oħra. It-TSPs ġeneralment jużaw il-"*multi-homing*", peress li jkollhom iqassmu l-kontenut tagħhom permezz ta' l-erba' GDSs kollha sabiex jiksbu l-kopertura mixtieqa tas-suq, billi l-parti l-kbira tat-TAs jużaw is-"*single-homing*", peress li GDS wieħed huwa biżżejjed fil-parti l-kbira tal-każi biex jipprovdihom bil-kontenut tat-TSPs meħtieġ.

(23) Sakemm it-TAs jużaw is-"*single-homing*", il-fornituri tal-GDSs ikollhom aċċess esklussiv għat-TAs li jappartjenu lin-netwerks tat-TAs rispettivi tagħhom. Kull fornitur tal-GDSs għalhekk għandu ċertu grad ta' setgħa ta' monopolju b'relazzjoni għat-TSPs li jeħtieġ li jilħqu t-TAs esklussivament konnessi ma' GDS waħda. Din is-setgħa ta' monopolju tippermetti li l-fornitur tal-GDSs jitlob prezzijiet ogħla mingħand it-TSPs. Dawn il-"kirjiet ta' monopolju" estratti mit-TSPs sa ċertu punt jintużaw sabiex ikunu koperti l-inċentivi finanzjarji mogħtija lit-TAs.

(24) Madankollu, il-Kummissjoni sabet li l-interazzjoni ta' negozjar bejn il-fornituri u l-klijenti tal-GDSs fuq iż-żewġ naħat tas-suq bdiet tinbidel. Dan l-aħħar, it-TSPs u t-TAs żiedu s-saħħa ta' negozjar relattivament għall-fornituri tal-GDSs. Dawn il-bidliet fis-setgħa relattiva ta' negozjar jirriżultaw minn (i.) konsolidament fost it-TAs, (ii.) l-introduzzjoni ta' prenotazzjonijiet diretti permezz tas-"*supplier.com*", u (iii.) ħlasijiet żejda imposti mit-TSPs.

(25) Minbarra t-theddida sabiex jinżamm lura l-kontenut ta' l-ivvjaġġar permezz tas-"*supplier.com*", it-TSPs żvilppaw għodda addizzjonali sabiex jagħmlu pressjoni fuq il-GDSs. Billi japplikaw, jew jheddu li japplikaw, ħlasijiet żejda fuq it-TAs, it-TSPs jistgħu jinfluwenzaw l-użu ta' GDS speċifika u jġiegħluha titlef volumi favur jew is-"*supplier.com*" jew GDS oħra.

**L-impatt ta' l-amalgamazzjoni**

(26) It-tnaqqis fin-numru ta' fornituri tal-GDSs mhux probbabli li se jwassal għal żjidiet fil-prezzijiet minħabba l-"effetti vertikali minn suq għall-ieħor" tas-suq għar-raġunijiet li ġejjin.

(27) Fuq in-naħa tat-TSPs, l-investigazzjoni approfondita tikkonferma li t-TSPs kapaċi jġiegħlu lill-fornituri tal-GDSs ibaxxu l-prezzijiet tagħhom jekk dawn jagħtuhom il-kontenut sħiħ, jew alternattivament, sabiex jevitaw il-ħlasijiet żejda li jiġu applikati fuq it-TAs b'kuntratt magħhom. B'mod partikolari l-linji ta' l-ajru żviluppaw numru ta' għodod ta' negozjar (speċjalment, imma mhux biss, is-"*supplier.com*") fejn dawn ikunu jistgħu jżommu parti miż-żejjed tagħhom fin-negozjati mal-fornituri tal-GDSs. Anki f'sitwazzjoni fejn ikun hemm biss tliet fornituri tal-GDSs, l-ebda wieħed minnhom mhu se jkun jista' jżid il-prezzijiet għaliex it-TSPs se jżommu setgħa ta' negozjar b'saħħitha biżżejjed, ibbażata fuq (i.) il-kapaċità li jidderieġu l-prenotazzjonijiet lejn is-siti web tas-"*supplier.com*", (ii.) il-ħlasijiet żejda imposti fuq it-TAs, (iii.) ir-rikonoxximent tal-marka fis-suq/swieq domestiku/domestiċi, u (iv.) il-possibbiltà li jkunu żviluppati għodod ġodda ta' negozjar fil-ġejjieni. Għalhekk, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li tnaqqis fin-numru ta' fornituri tal-GDSs minn erbgħa għal tlieta ma jżidx il-probbabiltà ta' żjidiet unilaterali fil-prezzijiet minħabba "effetti vertikali minn suq għall-ieħor".

(28) Din il-konklużjoni tapplika wkoll għat-TSPs l-oħra, bħall kumpaniji tal-kiri tal-karozzi u d-ditti tal-lukandi.

(29) Fuq in-naħa tat-TAs, numru biżżejjed ta' pjattaformi tal-GDSs se jibqgħu għad-dispożizzjoni tat-TAs u l-ispejjeż tal-bidla mhumiex ostaklu insormontabbli sabiex jintgħażel fornitur tal-GDSs ieħor. Il-fatt li l-fornituri tal-GDSs jeħtieġ li joħolqu u jżommu netwerk biżżejjed wiesa' ta' TAs sabiex jiġġeneraw domanda fuq in-naħa tat-TSPs, tħalli lit-TAs f'pożizzjoni ta' negozjar favorevoli fil-konfront tal-fornituri tal-GDS anki wara l-eliminazzjoni ta' wieħed minnhom.

(30) Fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn l-elementi (is-setgħa effettiva ta' negozjar tat-TSPs u l-iżvilupp li għaddej jew possibbli ta' għodod addizzjonali ta' negozjar) huma biżżejjed sabiex jopponu l-effett potenzjalment detrimentali ta' l-amalgamazzjoni f'termini tat-tnaqqis minn erbgħa għal tliet fornituri tal-GDSs kif ukoll l-okkorrenza potenzjali ta' l-effetti vertikali minn suq għall-ieħor.

II.3.3. *It-telf ta' Worldspan bħala "entità indipendenti ta' l-ipprezzar"*

(31) Teorija oħra ta' dannu li ġiet investigata mill-Kummissjoni għandha x'taqsam ma' Worldspan li tagħmilha ta' "entità indipendenti ta' l-ipprezzar" fiż-ŻEE, billi titlob prezzijiet aktar baxxi mill-kompetituri tagħha (Galileo, Sabre u Amadeus). Matul l-investigazzjoni tas-suq, intwera tħassib li, wara t-telf ta' kompetizzjoni bejn id-ditti li qed jamalgamaw, il-prezzijiet ta' Worldspan għandhom jiżdiedu u jiġu allinjati ma' dawk mitluba minn Galileo.

(32) L-investigazzjoni approfondita tal-Kummissjoni, madankollu, turi li din it-teorija ta' dannu ma tistax tiġi sostnuta. Sabiex ikun konkluż li l-amalgamazzjoni probabbilment twassal għal żjidiet sinifikanti fil-prezzijiet ta' wara l-amalgamazzjoni min-naħa ta' Worldspan, ikollu jintwera li l-prezzijiet ta' Worldspan qabel l-amalgamazzjoni huma ferm aktar baxxi minn dawk tal-kompetituri tagħha, b'mod partikolari Galileo, u li l-partijiet li qed jamalgawmaw ikollhom l-inċentivi u l-ħila li jżidu l-prezzijiet ta' Worldspan ta' wara l-amalgamazzjoni.

II.3.3.1. Worldspan mhix qed titlob prezzijiet aktar baxxi

(33) Il-parti li għamlet in-notifika ressqet paragun tat-tipi l-aktar bażiċi ta' prenotazzjoni għall-2006 tal-partijiet li qed jamalgamaw: l-"*Active Net Segment*" ta' Galileo mal-"*Full Service*" ta' Worldspan. Dan juri li l-prezz elenkat ta' Worldspan huwa effettivament […] mill-prezz elenkat ta' Galileo għal […] tipi ta' alternattivi ta' prenotazzjoni għall-"*Full Service*". Barra minn hekk, jekk il-prezzijiet ta' Worldspan għal kull kategorija ta' prenotazzjoni jiġu mgħobbija (bil-komponenti ta' medja ta' fatturi) bħala medja tul il-prenotazzjonijiet kollha skond il-piż relattiv ta' kull waħda mill-erba' kateogriji ta' pprezzar ta' Worldspan taħt il-livell ta' funzjonalità tal-"*Full Service*" tagħha, bir-riżultat ikun ta' USD […], filwaqt li l-prezz ta' l-*Active Net Segment* ta' Galileo għall-2006 huwa ta' USD […].

(34) Għalhekk, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li fil-parti l-kbira tal-każi Worldspan mhix il-GDS bl-inqas prezzijiet għat-TSPs. Ġeneralment, dejjem hemm alternattiva orħos minn Worldspan preżenti fis-suq.

II.3.3.2. Worldspan tilfet sehem tas-suq

(35) Raġuni oħra, għaliex, skond il-parti li għamlet in-notifika, Worldspan ma tikkwalifikax bħala entità indipendenti ta' l-ipprezzar, hija minħabba li l-politika ta' pprezzar allegatament baxx tagħha ma ppermettietx li Worldspan tespandi b'mod aggressiv il-preżenza tagħha fis-suq. Il-parti li għamlet in-notifika qed targumenta li, anzi, bħala l-iżgħar GDS fiż-ŻEE għal aktar minn ħames snin, is-sehem tas-suq ta' Worldspan fiż-ŻEE ma wera l-ebda sinjal ta' tkabbir.

(36) L-evoluzzjoni tas-sehem tas-suq ta' Worldspan bejn l-2003 u l-2006 turi tnaqqis b'[0-5 %] fis-suq eqreb tal-punt ta' produzzjoni (iż-ŻEE). B'relazzjoni għas-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ, l-ishma tas-suq ta' Worldspan baqgħu relattivmanet stabbli, b'żjidiet/tnaqqis medji annwali ta' bejn wieħed u ieħor [0-5 %] jew inqas, bl-eċċezzjoni ta' l-Ungerija, fejn it-tkabbir sar bejn l-2004 u l-2005. Bil-kontra ta' dak li wieħed jistenna minn kumpanija li qed jiġi allegat li hija entità indipendenti, l-ishma tas-suq ta' Worldspan ma jurux sinjali ġenerali ta' tkabbir.

(37) Fl-aħħarnett, skond il-parti li għamlet in-notifika, Worldspan ma tistax titqies bħala entità indipendenti ta' l-ipprezzar fiż-ŻEE, peress li hija tieħu l-prezzijiet u mhux tiffissa l-prezzijiet. Il-parti li għamlet in-notifika tirreferi, fost l-oħrajn, għall-fatt li l-GDSs l-oħra kienu l-ewwel fiż-ŻEE li kkonkludew ftehimiet ta' kontenut sħiħ ma' ħamsa mill-linji ta' l-ajru ewlenin taż-ŻEE. Dan ġie kkonfermat mill-investigazzjoni approfondita.

II.3.3.3. Galileo/Worldspan mhumiex l-eqreb kompetituri ta' xulxin

(38) Il-parti li għamlet in-notifika tqis li l-ambitu għal żjidiet fil-prezzijiet mill-prezzijiet ta' Worldspan ta' wara l-amalgamazzjoni tnaqqas aktar mill-fatt li Galileo u Worldspan mhumiex l-eqreb kompetituri ta' xulxin fis-suq taż-ŻEE.

(39) L-investigazzjoni approfondita kkonfermat li Galileo ġeneralment titqies mit-TSPs bħala aktar b'saħħitha fil-vjaġġi korporattivi, filwaqt li Worldspan titqies li hija aktar b'saħħitha fil-vjaġġi ta' divertimenti u fit-TAs *online*. Eqreb tal-punt ta' bejgħ, il-maġġoranza kbira tat-TAs iqisu lil Amadeus bħala l-eqreb kompetitriċi kemm ta' Galileo kif ukoll ta' Worldspan.

II.3.3.4. Mhemm l-ebda inċentiv biex Worldspan iżżid il-prezzijiet tagħha wara l-amalgamazzjoni u tallinjahom mal-prezzijiet ta' Galileo

(40) Il-fatt li l-partijiet li qed jamalgamaw mhumiex l-eqreb kompetituri ta' xulxin inaqqas l-inċentivi biex il-partijiet iżidu l-prezzijiet ta' Worldspan ta' wara l-amalgamazzjoni. Barra minn hekk, il-marġnijiet li qed jonqsu ta' qabel l-amalgamazzjoni tal-partijiet jindikaw li l-ambitu għal prezzijiet ogħla ta' wara l-amalgamazzjoni huwa limitat.

(41) Il-probabbiltà ta' prezzijiet ogħla ta' wara l-amalgamazzjoni eqreb tal-punt ta' produzzjoni hija mnaqqsa ulterjorment mill-fatt li żjieda fil-prezzijiet ta' din ix-xorta iġġiegħel lit-TSPs biex potenzjalment jirtiraw il-kontenut mill-GDS ta' Worldspan jew it-TSPs jimponu ħlasijiet żejda fuq it-TAs li jużaw lil Worldspan.

(42) Fil-qosor, l-investigazzjoni approfondita tal-Kummissjoni turi li mhemmx biżżejjed evidenza sabiex jiġi konkluż li Worldspan titlob prezzijiet aktar baxxi mill-kompetituri tagħha u li tagħmilha ta' entità indipendenti ta' l-ipprezzar ("*price Maverick*"). Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tikkonkludi li mhux probabbli li t-tranżazzjoni twassal għal żjieda fil-prezzijiet ta' Worldspan.

II.3.4. *Ishma tas-suq ferm kbar tal-partijiet fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq*

(43) Rigward in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq, it-tranżazzjoni għandha twassal għal livell għoli ta' sehem fis-suq (aktar minn 40 %) f'sitt Stati Membri, b'żjidiet sinifikanti. F'dawn is-sitt Stati Membri, s-sehem fis-suq fl-2006 ivarja minn [40-50 %] sa [70-80 %].

| Stat Membru | Galileo | Worldspan | Sehem ikkombinat fis-suq ikkombinat |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | [20-30] | [10-20] | [40-50] |
| L-Ungerija | [20-30] | [20-30] | [50-60] |
| L-Irlanda | [50-60] | [10-20] | [70-80] |
| L-Italja | [40-50] | [0-10] | [40-50] |
| L-Olanda | [30-40] | [20-30] | [50-60] |
| Ir-Renju Unit | [40-50] | [10-20] | [50-60] |

(44) Id-daqs tal-livell għoli ta' ishma tas-suq ikkombinati f'dawn is-sitt Stati Membri potenzjalment jista' jippermetti li l-partijiet iġibu rwieħhom b'mod indipendenti mill-kompetituri u mill-klijenti tagħhom wara l-amalgamazzjoni u jesplojtjaw ir-relazzjoni kummerċjali li għandhom mat-TAs.

(45) Madankollu, l-investigazzjoni approfondita turi li l-amalgamazzjoni mhux se tippermetti li d-ditti amalgamati jeżerċitaw setgħa tas-suq fuq it-TAs f'dawk is-swieq nazzjonali fejn it-tranżazzjoni se twassal għal livell għoli ta' ishma tas-suq konġunti.

II.3.4.1. It-tendenza 'l isfel tas-sehem tas-suq ta' Galileo

(46) Il-parti li għamlet in-notifika qed targumenta li Galileo tilfet sehem sinfikanti tas-suq f'kull wieħed mill-Istati Membri fejn tradizzjonalment kellha sehem importanti, minħabba rabtiet storiċi mat-trasportaturi nazzjonali.

(47) It-tnaqqis fl-ishma tas-suq ta' Galileo, skond il-parti li għamlet in-notifika, turi li s-sehem tas-suq 'il fuq mill-medja ta' Galileo ma jirriflettix is-setgħa fis-suq. Mhux probabbli li t-tranżazzjoni se ddawwar it-tendenza 'l isfel fis-sehem tas-suq ta' Galileo, speċjalment meta jitqies ir-rwol marġinali ta' Worldspan fuq il-livell taż-ŻEE u n-nuqqas ta' ħila dokumentata tagħha biex, matul is-snin, ittejjeb il-pożizzjoni tas-suq tagħha fuq is-suq taż-ŻEE.

(48) It-tendenza fl-ishma tas-suq ta' Galileo kif ukoll ir-rwol marġinali li għandha Worldspan fuq il-livell taż-ŻEE ġew ikkonfermati mill-investigazzjoni approfondita.

(49) Ġeneralment, it-TAs huma riċeventi netti peress li jirċievu aktar inċentivi finanzjarji mill-GDSs milli jħallsu fi ħlasijiet ta' abbonament lill-GDSs. Il-ħlasijiet ta' inċentiv żdiedu b'mod konsistenti tul l-aħħar ħames snin, inkluż f'dawk l-Istati Membri fejn il-partijiet għandhom livell għoli ta' ishma tas-suq (aktar minn 40 %). L-investigazzjoni approfondita wriet li matul il-perjodu 2003/2006, id-dħul tat-TAs ġeneralment żdied filwaqt li l-evoluzzjoni tal-marġnijiet grossi tagħhom kienet pożittiva.

(50) Dan l-iżvilupp juri l-importanza tat-TAs għall-GDSs u jirrifletti l-fehma ġenerali fost il-parteċipanti fl-investigazzjoni approfondita li l-kompetizzjoni bejn il-GDSs fis-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ hija b'saħħitha.

II.3.4.2. L-ispejjeż tal-bidla

(51) Raġuni addizzjonali għaliex mhux probabbli li t-tranżazzjoni tirriżulta f'żjidiet fil-prezzijiet fis-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ hija relatata mal-fatt, kif ġie kkonfermat mill-investigazzjoni approfondita, li l-ispejjeż tal-bidla mhumiex ostakli insormontabbli għall-bidla.

(52) Għalkemm il-kwantifikazzjoni ta' l-ispejjeż tal-bidla hi diffiċli, kemm f'termini ta' żmien kif ukoll ta' taħriġ meħtieġa, kif ukoll f'termini finanzjarji, mill-investigazzjoni approfondita wieħed jista' jasal għal xi konklużjonijiet ġenerali. It-TAs żgħar jeħtieġu ġimgħa waħda jew diversi ġimgħat biex jaqilbu minn GDS għal oħra; il-ħtiġiet tat-taħriġ mhumiex sinifikanti u l-produttività tagħhom ma tiġix affetwata negattivament mill-bidla. Madankollu, it-TAs il-kbar jikkalkulaw li ż-żmien meħtieġ sabiex jagħmlu l-bidla huwa bejn wieħed u ieħor ta' 12-il xahar bi spiża finanzjarja sinfikanti (aktar minn EUR 1 miljun). Barra minn hekk, il-ħtiġiet f'termini ta' taħriġ huma akbar. F'każi partikolari (eż. minħabba l-aspetti tekniċi tal-bidla), l-ispiża finanzjarja kif ukoll iż-żmien meħtieġa jistgħu jkunu saħansitra akbar.

(53) Filwaqt l-investigazzjoni approfondita kkonfermat li jeżistu fil-fatt spejjeż minħabba l-bidla, uriet ukoll li, fl-imgħoddi, dawn ma tellfux milli jkun hemm bidla sinifikanti. Fil-perjodu bejn l-2003 u l-2006, diversi TAs qalbu minn Galileo għal Amadeus. Minbarra dan, Worldspan tilfet tnejn mill-klijenti ewlenin tagħha f'dan il-perjodu, […] u […].

(54) Anki jekk hemm spiża tal-bidla, jidher li mhux probabbli li t-tranżazzjoni għandha twassal għal preokkupazzjonijiet dwar il-kompetizzjoni minħabba l-livell għoli ta' sehem kombinat tas-suq, eqreb tal-punt ta' bejgħ tal-partijiet. Dan huwa minħabba (i.) l-evoluzzjoni negattiva ta' l-ishma konġunti tas-suq tal-partijiet, (ii.) il-kompetizzjoni qawwija bejn il-GDSs, anki fuq is-swieq nazzjonali fejn għandhom livell għoli ta' ishma tas-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ, kif intwera miż-żjieda tul iż-żmien f'inċentivi mħallsa lit-TAs fi swieq nazzjonali ta' din ix-xorta, u (iii.) il-fehmiet ġeneralment pożittivi tat-TAs dwar l-amalgamazzjoni li huma bbażati fuq il-konvinzjoni tagħhom li l-amalgamazzjoni se toħloq alternattiva b'saħħitha għal Amadeus.

(55) Għalhekk, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li mhux probabbli li jinħolqu effetti mhux ikkoordinati minħabba l-amalgamazzjoni fejn għandhom x'jaqsmu s-swieq eqreb tal-punt ta' bejgħ.

II.3.5. *L-effetti ikkoordinati*

(56) Barra minn hekk, l-investigazzjoni approfondita analizzat ulterjorment il-possibbiltà ta' effetti ikkoordinati kemm fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' produzzjoni kif ukoll fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq tal-GDSs.

II.3.5.1. Eqreb tal-punt ta' produzzjoni

**Jintlaħqu t-termini ta' koordinazzjoni**

(57) Ġeneralment, anqas ma l-ambjent ekonomiku ikun kumpless, u aktar ma jkun stabbli, aktar ikun faċli biex il-kumpaniji jilħqu fehim komuni dwar it-termini ta' koordinazzjoni. F'dan il-kuntest, domanda volatili, tkabbir intern sostanzjali minn uħud mid-ditti fis-suq jew dħul frekwenti minn ditti ġodda jista' jindika li s-sitwazzjoni mhix biżżejjed stabbli biex ikun hemm probabbiltà ta' koordinazzjoni.

(58) Għalkemm matul l-aħħar ħames snin ma kien hemm l-ebda dħul sinfikanti fis-suq tal-GDSs, l-evoluzzjoni fl-ishma tas-suq ta' l-aħħar ħames snin tikkonferma li l-ambjent ekonomiku fejn jikkompetu l-GDSs fiż-ŻEE kien suġġett għal bidla konsiderevoli.

(59) Barra minn hekk, it-tkabbir tas-"*supplier.coms*" matul l-aħħar ħames snin għandha titqies bħala fattur destabilizzanti sabiex jintlaħqu termini ta' koordinazzjoni fis-suq tal-GDSs. L-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat ukoll li l-parti l-kbira tal-linji ta' l-ajru jipprevedu aktar tkabbir fil-bejgħ dirett tagħhom permezz tas-"*supplier.com*". Għall-kumpaniji tal-kiri tal-karozzi u għal-lukandi, id-distribuzzjoni tal-kontenut ta' l-ivvjaġġar permezz ta' GDS jirrappreżenta parti relattivament żgħira mill-prenotazzjonijiet tagħhom.

(60) Anki jekk iċ-ċirkostanzi msemmija aktar 'il fuq ma jeskludux għal kollox il-possibbiltà li jintlaħqu termini ta' koordinazzjoni bejn it-tliet GDSs li jifdal fis-suq eqreb tal-punt ta' produzzjoni, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li dawn iċ-ċirkostanzi għandhom jagħmlu koordinazzjoni ta' din ix-xorta aktar diffiċli u b'hekk improbabbli.

**Il-monitoraġġ tad-devjazzjonijiet**

(61) L-unika theddida kredibbli ta' ritaljazzjoni f'waqtha u biżżejjed iżżomm lill-kumpaniji lura milli jiddevjaw mit-termini ta' koordinazzjoni. Dan jeħtieġ li s-swieq ikunu biżżejjed trasparenti sabiex il-kumpaniji li jkunu qed jikkoordinaw jkunu jistgħu jimmonitorjaw biżżejjed biex jaraw jekk il-kumpaniji jkunux qed jiddevjaw.

(62) Għalkemm is-servizzi offruti minn GDS huma ta' natura pjuttost omoġenea, l-istruttura ta' l-ipprezzar u l-offerti tal-prodotti tal-GDSs kollha huma kumplessi. Bħalissa, fiż-ŻEE, il-GDSs japplikaw tipi differenti ta' ftehimiet b'mod parallel, jiġifieri Ftehmiet Parteċipattivi tat-Trasportaturi ("PCAs") standard u ftehimiet ta' kontenut sħiħ, xi drabi komplementati minn ftehimiet *"opt-in"* (ta' għażla). Id-differenzi fi u l-varjetà kemm ta' l-istrutturi ta' l-ipprezzar kif ukoll ta' l-offerti tal-prodotti f'dawn il-ftehimiet jagħmlu koordinazzjoni sostnuta imprattikabbli. It-trasparenza fis-suq li fadal titnaqqas aktar mill-fatt li l-GDSs jimmodifikaw l-offerti tal-prodotti u l-istrutturi tal-prezzijiet fuq bażi regolari.

(63) Għalkemm mill-investigazzjoni tas-suq jidher li l-kuntratti bejn il-GDSs u l-kumpaniji tal-kiri tal-karozzi u l-lukandi jidhru li għandhom struttura inqas kumplessa, xorta ma jipprovdux il-livell ta' trasparenza li jagħmel il-koordinazzjoni fattibbli.

(64) Numru ta' parteċipanti fl-investigazzjoni tas-suq ġibdu l-attenzjoni għall-eżistenza ta' dawk li jissejħu l-klawżoli ta' "In-Nazzjon l-Aktar Iffavorit" ("MFN") fil-ftehimiet tagħhom mal-GDSs. L-użu ta' dawn il-klawsoli jista' jżid it-trasparenza fil-prezzijiet. Madankollu, kien ikkonfermat mill-investigazzjoni tas-suq, li fil-parti l-kbira tal-każi, il-klawsoli ta' MFN ikunu relatati ma' l-obbligu fuq it-TSPs li jipprovdu l-ugwaljanza fil-kontenut tal-GDSs, u għalhekk huma sempliċement rilfess ta' l-obbligi stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta.

(65) Meta jitqiesu l-karatteristiċi tas-swieq rilevanti, u b'mod partikolari, il-grad limitat ta' trasparenza, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li jkun diffiċli biex it-tliet GDSs li fadal jimmonitorjaw b'mod effettiv id-devjazzjonijiet mill-imġiba kkoordinata.

**Il-mekkaniżmi ta' deterrent**

(66) Il-koordinazzjoni mhix sostenibbli sakemm il-konsegwenzi tad-devjazzjoni ma jkunux biżżejjed gravi li jikkonvinċu lill-kumpaniji ta' koordinazzjoni li huwa fl-aħjar interess tagħhom li jaderixxu mat-termini tal-koordinazzjoni.

(67) Ir-ritaljazzjoni immedjata permezz tat-tnaqqis mill-GDSs ta' koordinazzjoni tal-ħlasijiet mitluba mingħand it-TSPs tkun ineffettiva bħala ritaljazzjoni kontra l-GDS li qed tiddevja, peress li ma tipprovokax lit-TSPs biex ibiddlu imġibithom, meta jitqies li dawn jeħtieġu s-servizzi ta' l-erba' GDSs kollha.

(68) Miżura ta' ritaljazzjoni aktar realistika tkun dik li GDS toffri lil ċerti TAs importanti li jużaw is-servizzi tal-GDS li tkun iddevjat inċentivi akbar jew pagamenti diretti f'somom f'daqqa sabiex tipprovoka bidla mill-GDS li ddevjat għal GDS differenti. Għalkemm miżuri ta' din ix-xorta jkunu possibbli, tkun strateġija li ġġib magħha spejjeż għolja peress li l-pagamenti ta' inċentiv offruti lit-TAs iridu jkunu biżżejjed kbar biex jipprovokaw lit-TAs ħalli jbiddlu l-GDSs.

(69) Għalhekk fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li r-ritaljazzjoni permezz ta' żjieda fil-pagamenti ta' inċentiv lit-TAs waħidha ma tistax tiġi eskluża.

**Ir-reazzjonijiet tal-barranin**

(70) Biex il-koordinazzjoni tirnexxi, l-azzjonijiet tal-kumpaniji li ma jkunux qed jikkoordinaw u tal-kompetituri potenzjali, kif ukoll tal-klijenti, m'għandhomx ikunu jistgħu jipperikolaw ir-riżultat mistenni mill-koordinazzjoni.

(71) F'dan il-każ, jidher li hemm limiti kompetittivi sinifikanti fis-suq li għandhom jiddestabilizzaw kwalunkwe tentattiv għal koordinazzjoni. Dawn il-limiti, b'mod partikolari, ġejjin mill-possibbiltà li t-TSPs iżommu lura xi kontenut u jagħmlu dan il-kontenut disponibbli biss permezz ta' kanal ta' distribuzzjoni diretta bħas-*"supplier.com"*. Barra minn hekk, il-koordinazzjoni li twassal għal żjidiet fil-prezzijiet tista' tipprovoka lit-TSPs fiż-ŻEE biex jinvestu aktar fl-iżvilupp ta' alternattivi għall-GDSs bħal GNEs u links diretti.

(72) Meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi li ġew deskritti aktar 'il fuq u l-fatt li l-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti sabiex jintwerew effetti kkoordinati huma kumulattivi, mhux probabbli li l-amalgamazzjoni tirriżulta f'effetti kkoordinati fis-suq ta' l-UE għall-provvista tas-servizzi tal-GDSs lit-TSPs.

II.3.5.2. Eqreb tal-punt ta' bejgħ

**Jintlaħqu t-termini ta' koordinazzjoni**

(73) Fil-prinċipju, il-kwistjoni tal-koordinazzjoni tista' tinqala' fis-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ li jkopri r-relazzjoni bejn il-GDSs u t-TAs. Is-swieq eqreb tal-punt ta' bejgħ fiż-ŻEE huma kkaratterizzati minn differenzi sinfikanti fl-ishma tas-suq bejn l-erba' GDSs fuq bażi ta' pajjiż b'pajjiż.

(74) Il-kompetizzjoni bejn il-GDSs fis-suq eqreb tal-punt ta' bejgħ hija b'saħħtiha u ma turix sinjali ta' mġiba kkoordinata. Matul l-aħħar […] snin, Galileo u Worldspan tilfu […] ishma tas-suq lil Amadeus. Barra minn hekk, l-investigazzjoni tas-suq ikkonfermat li l-kompetizzjoni bejn il-GDSs għal kuntratti mat-TAs bħalissa hija qawwija, fatt li huwa rifless miż-żjieda fil-pagamenti ta' inċentiv mill-GDSs lit-TAs tul l-aħħar ħames snin.

(75) Dak li ntqal aktar 'il fuq jindika li l-pożizzjonijiet fis-suq tad-ditti li qed jamalgamaw fil-parti l-kbira tas-swieq eqreb tal-punt ta' bejgħ huma relattivament instabbli, ċirkostanza li għandha tikkumplika s-sitwazzjoni biex jintlaħaq ftehim skond termini ta' koordinazzjoni.

**Il-monitoraġġ tad-devjazzjonijiet**

(76) It-termini u l-kundizzjonijiet tal-kuntratti tat-TAs ġeneralment mhumiex trasparenti peress li jiġu nnegozjati individwalment bejn it-TAs u l-GDSs. Il-GDSs m'għandhom l-ebda viżibbiltà fit-termini u fil-kundizzjonijiet kumplessi offruti minn GDSs li qed jikkompetu ma' xulxin. Għalkemm jista' jkun hemm xi trasparenza fil-prezzijiet minħabba skambju possibbli ta' informazzjoni bejn it-TAs u l-GDSs fil-kuntest tan-negozjati tal-kuntratti, il-fatt li l-parti l-kbira tal-kuntratti jiġu nnegozjati individwalment jillimita b'mod sinifikanti l-grad ta' trasparenza li jista' jirriżulta minn dan. Għalhekk, il-possibbiltajiet li l-imġiba kkoordinata tkun immonitorjata b'suċċess jidhru ferm limitati, minħabba li jkun meħtieġ monitoraġġ tal-livell ta' kontenut, tal-funzjonalitajiet, tas-servizzi, ta' l-għajnuna finanzjarja, tal-bonuses u ta' termini u kundizzjonijiet oħra li kull GDS toffri lill-aġenziji ta' l-ivvjaġġar individwali.

(77) Meta jitqies il-grad limitat ta' trasparenza fuq in-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li jkun diffiċli biex it-tliet GDSs li fadal jimmonitorjaw id-devjazjonijiet mill-imġiba kkoordinata.

**Il-mekkaniżmi ta' deterrent**

(78) Il-mekkaniżmi ta' deterrenti li jistgħu jiġu applikati huma essenzjalment l-istess bħal dawk li ġew diskussi b'relazzjoni għas-suq eqreb tal-punt ta' produzzjoni.

**Ir-reazzjonijiet tal-barranin**

(79) Fil-każ ta' mġiba kkoordinata, mhemmx wisq alternattivi immedjatament disponibbli li t-TAs jistgħu jduru għalihom. L-użu ta' "*supplier.com*" huwa wisq problematiku għat-TAs u l-alternattivi l-oħra għall-GDSs bħalissa mhumiex żviluppati biżżejjed fiż-ŻEE biex jikkostitwixxu alternattivi adegwati.

(80) Meta jitqies il-fatt li l-kriterji li jridu jiġu sodisfatti sabiex jintwerew effetti kkoordinati huma kumulattivi, fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li anki fin-naħa eqreb tal-punt ta' bejgħ tas-suq mhux probabbli li l-amalgamazzjoni tirriżulta f'effetti kkoordinati.

III. **KONKLUŻJONI**

(81) Fid-Deċiżjoni, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-konċentrazzjoni proposta mhu se tagħti lok għall-ebda tħassib dwar il-kompetizzjoni li minħabba fih il-kompetizzjoni effettiva tkun imfixkla b'mod sinifikanti fis-Suq Komuni jew f'parti sostanzjali minnu. Konsegwentement, il-Kummissjoni biħsiebha tiddikjara li l-konċentrazzjoni hija kompatibbli mas-Suq Komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE, skond l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim taż-ŻEE.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-30 ta' Novembru 2007

## li tapprova programmi nazzjonali annwali u multi-annwali u l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-qerda, kontroll u sorveljanza ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali, ippreżentati mill-Istati Membri għall-2008 u snin ta' wara.

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2007) 5776)*

(2007/782/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 24(5) tagħha

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 90/424/KE tistipula l-proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità lejn il-programmi għall-qerda, kontroll u monitoraġġ ta' ċertu mard u żoonożi fl-annimali.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE jistipula li miżura finanzjarja tal-Komunità trid tiġi introdotta għar-rimborż tan-nefqa mill-Istati Membri għall-finanzjament tal-programmi nazzjonali għall-qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard fl-annimali u taż-żoonożi elenkati f'din id-Deċiżjoni.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/965/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Deċiżjoni 90/424/KEE dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju ([2]) ssostitwit l-Artikolu 24 ta' din id-Deċiżjoni b'dispożizzjoni ġdida. Bħala miżura ta' tranżizzjoni, id-Deċiżjoni 2006/965/KE stipulat li l-programmi għall-lewkożi bovina enzootika u għall-marda ta' Aujeszky jistgħu jibqgħu jiġu ffinanzjati sal-31 ta' Diċembru 2010.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/638/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 li tistabbilixxi l-kriterji tal-Komunità għall-qerda u s-sorveljanza ta' ċertu mard fl-annimali ([3]) tistipula li biex jiġu approvati taħt il-miżuri stipulati fl-Artikolu 24(1) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE, il-programmi mibgħuta mill-Istati Membri jridu jissodisfaw l-kriterji stabbiliti fl-Annessi tad-Deċiżjoni 90/638/KEE.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistipula regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli ([4]), jistipula programmi annwali għall-qerda u s-sorveljanza ta' enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs, transmissible spongiform encephalopathies) fl-annimali bovini, ovini u kaprini.

(6) Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE ([5]) dwar miżuri tal-Komunità għall-kontroll ta' l-influwenza fit-tjur tistipula wkoll għall-programmi ta' sorveljanza mill-Istati Membri li jridu jitwettqu fir-rigward tat-tjur u l-għasafar salvaġġi biex isir kontribut, fost l-oħrajn, fuq il-bażi ta' stimi tar-riskju aġġornati b'mod regolari, għall-għarfien dwar it-theddida li ġejja mill-għasafar salvaġġi fir-rigward ta' xi virus ta' l-influwenza li ġej mit-tjur fl-għasafar. Dawn il-programmi annwali għas-sorveljanza, u l-finanzjament tagħhom, għandhom jiġu approvati wkoll.

(7) Ċerti Stati Membri ressqu programmi annwali lill-Kummissjoni għall-qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard fl-annimali, programmi ta' kontroll li huma mmirati lejn il-prevenzjoni taż-żoonożi, u programmi annwali ta' monitoraġġ għall-qerda u l-monitoraġġ ta' ċerti TSEs li għalihom jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità.

(8) Ċerti Stati Membri ssottomettew ukoll programmi multi-annwali lill-Kummissjoni għall-qerda, kontroll u monitoraġġ tal-mard fl-annimali, li għalihom jixtiequ jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mingħand il-Komunità. L-Impenn tan-nefqa għall-programmi multi-annwali għandu jiġi adottat skond l-Artikolu 76(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea ([6]). Għall-programmi multi-annwali l-ewwel impenn baġitarju għandu jsir wara l-approvazzjoni tagħhom. Kull impenn sussegwenti għandu jsir mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-deċiżjoni li tingħata kontribuzzjoni msemmija fl-Artikolu 24(5) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE.

([1]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU L 397, 30.12.2006, p. 22.
([3]) ĠU L 347, 12.12.1990, p. 27. Id-Deċiżjoni emendata bid-Deċiżjoni 92/65/KEE (ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54).
([4]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 727/2007 (ĠU L 165, 27.6.2007, p. 8).
([5]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([6]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 12.

(9) Il-Kummissjoni vvalutat il-programmi annwali u multi-annwali mibgħuta mill-Istati Membri kemm mil-lat veterinarju kif ukoll mil-lat finanzjarju. Dawn il-programmi nstabu konformi mal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Komunità, u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fid-Deċiżjoni 90/638/KEE.

(10) Fid-dawl ta' l-importanza ta' dawn il-programmi għall-ksib ta' l-objettivi Komunitarji fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali u tal-pubbliku, kif ukoll l-applikazzjoni obbligatorja fl-Istati Membri kollha fil-każ tal-programmi TSE u ta' l-influwenza tat-tjur, huwa xieraq li tiġi ffissata r-rata ta' kontribuzzjoni finanzjarja xierqa tal-Komunità biex tagħti rimborż għall-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri kkonċernati għall-miżuri li ssemmew f'din id-Deċiżjoni sa ammont massimu għal kull programm.

(11) Għall-finijiet ta' maniġġjar tajjeb, użu iktar effiċjenti tal-fondi Komunitarji u t-trasparenza mtejba, huma meħtieġa wkoll li jiġu ffissati għal kull programm, fejn huwa xieraq, ammonti massimi li għandhom jingħataw bħala rimborż lill-Istati Membri għal ċerti spejjeż, bħalma huma t-testijiet użati fl-Istati Membri u kumpens lis-sidien minħabba xi telf mit-tbiċċir jew il-qatla ta' l-annimali tagħhom.

(12) Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni ([1]), il-programmi għall-qerda u l-kontroll tal-mard ta' l-annimali jridu jiġu ffinanzjati taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija. Għal raġunijiet ta' kontroll finanzjarju, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 36 u 37 ta' dan ir-Regolament.

(13) Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tingħata soġġetta għall-kundizzjoni li l-azzjonijiet ippjanati jitwettqu b'mod effiċjenti u li l-awtoritajiet kompetenti jfornu l-informazzjoni kollha meħtieġa fil-limiti ta' żmien stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, jidher xieraq li jintalab rapportar tekniku intermedju aktar ta' sikwit sabiex issir stima ta' l-effiċjenza ta' l-implimentazzjoni tal-programmi approvati.

(14) Għal raġunijiet ta' effiċjenza amministrattiva l-infiq kollu ppreżentat għal kontribut finanzjarju mill-Komunità għandu jkun f'euro. Skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005, ir-rata ta' kambju għall-infiq f'munita għajr l-euro għandha tkun l-aħħar rata ta' kambju stabbilita mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih titressaq l-applikazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat.

([1]) ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 378/2007(ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1).

(15) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

KAPITOLU I

**PROGRAMMI ANNWALI**

*Artikolu 1*

## Bruċellożi bovina

1. Il-programmi għall-qerda tal-bruċellosi bovina ppreżentati mill-Irlanda, Spanja, l-Italja, Ċipru, il-Portugall u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju, il-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali tagħhom maqtula soġġetti għal dawn il-programmi u x-xiri ta' dożi ta' vaċċini, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 1 200 000 għall-Irlanda

(b) EUR 4 400 000 għal Spanja;

(ċ) EUR 2 100 000 għall-Italja;

(d) EUR 153 000 għaċ-Ċipru;

(e) EUR 1 900 000 għall-Portugall;

(f) EUR 1 200 000 għar-Renju Unit.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għat-test rose bengal | EUR 0,2 għal kull test; |
| (b) għat-test SAT | EUR 0,2 għal kull test; |
| (ċ) għat-test compliment fixation | EUR 0,4 għal kull test; |
| (d) għal test ELISA | EUR 1 għal kull test. |

*Artikolu 2*

## It-tuberkulożi bovina

1. Il-programmi għall-qerda tat-tuberkolożi bovina ppreżentati mill-Estonja, Spanja, l-Italja, il-Polonja u l-Portugall huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispejjeż tat-twettiq tat-testijiet tuberculin, testijiet tal-laboratorju u l-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali tagħhom maqtula soġġetti għal dawn il-programmi, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 24 000 għall-Estonja;

(b) EUR 6 100 000 għal Spanja;

(ċ) EUR 2 700 000 għall-Italja;

(d) EUR 1 100 000 għall-Polonja;

(e) EUR 347 000 għall-Portugall.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għat-test tuberkulin | EUR 1 għal kull test; |
| (b) għat-test gamma-interferon | EUR 5 għal kull test. |

*Artikolu 3*

**Bruċellożi ovina u kaprina**

1. Il-programmi għall-qerda tal-bruċellosi ovina u kaprina ppreżentati minn Spanja, l-Italja, Ċipru u l-Portugall huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għax-xiri ta' vaċċini, l-ispiża tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju u l-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali tagħhom maqtula soġġetti għal dawn il-programmi, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 5 600 000 għal Spanja;

(b) EUR 2 800 000 għall-Italja;

(ċ) EUR 93 000 għaċ-Ċipru;

(d) EUR 1 100 000 għall-Portugall.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għat-test rose bengal | EUR 0,2 għal kull test; |
| (b) għat-test compliment fixation | EUR 0,4 għal kull test; |

*Artikolu 4*

***Bluetongue* f'żoni endemiċi jew ta' riskju kbir**

1. Il-programmi għall-qerda u l-monitoraġġ tal-*bluetongue* ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju għas-sorveljanza viroloġika, seroloġika u entomoloġika u x-xiri ta' nases u vaċċini, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 377 000 għall-Belġju;

(b) EUR 5 400 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 3 100 000 għall-Ġermanja;

(d) EUR 100 000 għall-Greċja;

(e) EUR 4 100 000 għal Spanja;

(f) EUR 351 000 għal Franza;

(g) EUR 1 300 000 għall-Italja;

(h) EUR 70 000 għal-Lussemburgu;

(i) EUR 527 000 għall-Olanda;

(j) EUR 245 000 għall-Awstrija;

(k) EUR 1 004 000 għall-Portugall;

(l) l-EUR 43 000 għar-Rumanija;

(m) EUR 61 000 għas-Slovenja

3. L-ammont massimu ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn EUR 2,5 għal kull test ELISA.

*Artikolu 5*

**Salmonellożi (salmonella zoonotika) fil-qatgħat tat-tgħammir ta' *Gallus gallus***

1. Il-programmi għall-kontroll ta' ċerta salmonella zoonotika fil-qatgħat tat-tagħmir ta' *Gallus gallus* ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall u s-Slovakkja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet batterjoloġiċi u ta' serotipi fil-qafas tat-teħid ta' kampjuni uffiċjali, il-kumpens għas-sidien għall-valur tat-tjur maqtula, il-qerda tal-bajd u x-xiri ta' dożi ta' vaċċin u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 550 000 għall-Belġju;

(b) EUR 10 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 200 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 75 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 600 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 120 000 għall-Irlanda;

(g) EUR 150 000 għall-Greċja;

(h) EUR 800 000 għal Spanja;

(i) EUR 500 000 għal Franza;

(j) EUR 470 000 għall-Italja;

(k) EUR 45 000 għalċ-Ċipru;

(l) EUR 60 000 għal-Latvja;

(m) EUR 400 000 għall-Ungerija;

(n) EUR 1 300 000 għall-Olanda;

(o) EUR 50 000 għall-Awstrija;

(p) EUR 2 000 000 għall-Polonja;

(q) EUR 600 000 għall-Portugall;

(r) EUR 400 000 għar-Rumanija;

(s) EUR 275 000 għas-Slovakkja.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għal test batterjoloġiku (kultivazzjoni) | EUR 5,0 għal kull test; |
| (b) għax-xiri ta' doża waħda ta' vaċċin | EUR 0,05 għal kull doża; |
| (ċ) għas-serotipar ta' l-iżolati rilevanti tas-Salmonella spp. | EUR 20,0 għal kull test. |

*Artikolu 6*

**Salmonellożi (salmonella zoonotika) fil-qatgħat li jbidu ta' *Gallus gallus***

1. Il-programmi għall-kontroll ta' ċerta salmonella zoonotika fil-qatgħat li jbidu ta' *Gallus gallus* ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet batterjoloġiċi u ta' serotipi fil-qafas tat-teħid ta' kampjuni uffiċjali, il-kumpens għas-sidien għall-valur tat-tjur maqtula, il-qerda tal-bajd u x-xiri ta' dożi ta' vaċċin, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 750 000 għall-Belġju;

(b) EUR 20 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 1 000 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 2 000 000 għall-Ġermanja;

(e) EUR 20 000 għall-Estonja;

(f) EUR 500 000 għall-Greċja;

(g) EUR 3 500 000 għal Spanja;

(h) EUR 2 500 000 għal Franza;

(i) EUR 1 000 000 għall-Italja;

(j) EUR 80 000 għaċ-Ċipru;

(k) EUR 300 000 għal-Latvja;

(l) EUR 10 000 għal-Lussemburgu;

(m) EUR 2 000 000 għall-Ungerija;

(n) EUR 2 000 000 għall-Olanda;

(o) EUR 1 000 000 għall-Awstrija;

(p) EUR 2 000 000 għall-Polonja;

(q) EUR 1 000 000 għall-Portugall;

(r) EUR 500 000 għar-Rumanija;

(s) EUR 1 000 000 għas-Slovakkja.

(t) EUR 80 000 għar-Renju Unit.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għal test batterjoloġiku (kultivazzjoni) | EUR 5,0 għal kull test; |
| (b) għax-xiri ta' doża waħda ta' vaċċin | EUR 0,05 għal kull doża |
| (ċ) għas-serotipar ta' l-iżolati rilevanti tas-salmonella spp. | EUR 20,0 għal kull test. |

*Artikolu 7*

**Deni klassiku tal-majjali u deni Afrikan tal-majjali**

1. Il-programmi għall-kontroll u l-monitoraġġ ta':

(a) Deni klassiku tal-majjali ppreżentat mill-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, il-Lussemburgu, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja huma b'dan approvati għall-perjodi mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

(b) Deni klassiku tal-majjali u deni Afrikan tal-majjali ppreżentati mill-Italja huma b'dan approvati għall-perjodi mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 ta' l-ispiża tat-twettiq tat-testijiet viroloġiċi u seroloġiċi ta' majjali domestiċi u taċ-ċingjali u għall-programmi mibgħuta mill-Bulgarija, il-Ġermanja, Franza, ir-Rumanija u s-Slovakkja ukoll bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba fix-xiri u t-tqassim tal-vaċċini u l-lixki għall-vaċċinazzjoni taċ-ċingjali, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 400 000 għall-Bulgarija;

(b) EUR 1 000 000 għall-Ġermanja;

(ċ) EUR 650 000 għal Franza;

(d) EUR 100 000 għall-Italja;

(e) EUR 15 000 għal-Lussemburgu;

(f) EUR 2 500 000 għar-Rumanija;

(g) EUR 40 000 għas-Slovenja;

(h) EUR 525 000 għas-Slovakkja.

3. L-ammont massimu ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn EUR 2,5 għal kull test ELISA.

*Artikolu 8*

**Il-marda vexxikolari tal-ħnieżer**

1. Il-programm għall-qerda tal-marda ta' l-infafet (veżikulari) tal-majjali ppreżentat mill-Italja huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża tat-testijiet tal-laboratorju u ma għandhiex tkun ogħla minn EUR 300 000.

*Artikolu 9*

**Influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u salvaġġ**

1. Il-programmi ta' sttħarriġ għall-influwenza tat-tjur fit-tjur domestiku u t-tjur salvaġġ ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru għall-ispejjeż ta' twettiq ta' testijiet fil-laboratorju u ammont wieħed għat-teħid ta' kampjuni ta' tjur salvaġġ, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 127 000 għall-Belġju;

(b) EUR 76 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 65 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 202 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 580 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 8 000 għall-Estonja;

(g) EUR 58 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 72 000 għall-Greċja;

(i) EUR 306 000 għal Spanja;

(j) EUR 155 000 għal Franza;

(k) EUR 380 000 għall-Italja;

(l) EUR 15 000 għaċ-Ċipru;

(m) EUR 33 000 għal-Latvja;

(n) EUR 43 000 għal-Litwanja;

(o) EUR 12 000 għal-Lussemburgu;

(p) EUR 184 000 għall-Ungerija;

(q) EUR 444 000 għall-Olanda;

(r) EUR 55 000 għall-Awstrija;

(s) EUR 81 000 għall-Polonja;

(t) EUR 165 000 għall-Portugall;

(u) EUR 465 000 għar-Rumanija;

(v) EUR 43 000 għas-Slovenja;

(w) EUR 50 000 għas-Slovakkja;

(x) EUR 35 000 għall-Finlandja;

(y) EUR 290 000 għall-Iżvezja;

(z) EUR 400 000 għar-Renju Unit.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għat-testijiet koperti mill-programmi ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għat-test ELISA: | EUR 1 għal kull test; |
| (b) għall-agar gel immune diffusion test: | EUR 1,2 għal kull test; |
| (ċ) għat-test HI għall-H5/H7: | EUR 12 għal kull test; |
| (d) għat-test ta' l-iżolament tal-virus: | EUR 30 għal kull test; |
| (e) għat-test PCR: | EUR 15 għal kull test; |
| (f) teħid ta' kampjuni tat-tjur salvaġġ | EUR 20 għal kull tajra. |

*Artikolu 10*

**Enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE)**

1. Il-programmi għall-monitoraġġ ta' l-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSEs) ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 100 % ta' l-ispejjeż li mġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-implimentazzjoni ta' dawn il-programmi, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 1 950 000 għall-Belġju;

(b) EUR 850 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 950 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 1 600 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 9 500 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 250 000 għall-Estonja;

(g) EUR 5 000 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 950 000 għall-Greċja;

(i) EUR 4 700 000 għal Spanja;

(j) EUR 14 750 000 għal Franza;

(k) EUR 3 050 000 għall-Italja;

(l) EUR 250 000 għaċ-Ċipru;

(m) EUR 300 000 għal-Latvja;

(n) EUR 550 000 għal-Litwanja;

(o) EUR 150 000 għal-Lussemburgu;

(p) EUR 700 000 għall-Ungerija;

(q) EUR 37 000 għal Malta;

(r) EUR 3 150 000 għall-Olanda;

(s) EUR 1 250 000 għall-Awstrija;

(t) EUR 3 250 000 għall-Polonja;

(u) EUR 1 250 000 għall-Portugall;

(v) EUR 7 500 għar-Rumanija;

(w) EUR 200 000 għas-Slovenja;

(x) EUR 750 000 għas-Slovakkja.

(y) EUR 650 000 għall-Finlandja;

(z) EUR 1 150 000 għall-Iżvezja;

(za) EUR 5 300 000 għar-Renju Unit.

3. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun għat-testijiet imwettqa u l-ammont massimu ma għandux ikun ogħla minn:

(a) EUR 5 għal kull test, għat-testijiet imwettqa fl-annimali bovini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) EUR 30 għal kull test, għat-testijiet imwettqa fl-annimali ovini u kaprini msemmija fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(ċ) EUR 50 għal kull test, għat-testijiet imwettqa fiċ-ċriev imsemmija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(d) EUR 175 għal kull test, għat-testijiet diskriminatorji molekolari primarji mwettqa kif jissemma fil-punt 3.2(ċ)(i) tal-Kapitolu Ċ ta' l-Anness X, tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

*Artikolu 11*

**Enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE)**

1. Il-programmi għall-qerda ta' l-enċefalopatija sponġiformi bovina ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja il-Finlandja u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża mġarrba minn kull Stat Membru bħala kumpens lis-sidien għall-valur tal-bhejjem tagħhom maqtula jew meqruda bi qbil mal-programm tagħhom għall-qerda, sa massimu ta' EUR 500 għal kull annimal, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 50 000 għall-Belġju;

(b) EUR 50 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 150 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 50 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 145 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 50 000 għall-Estonja;

(g) EUR 430 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 50 000 għall-Greċja;

(i) EUR 500 000 għal Spanja;

(j) EUR 100 000 għal Franza;

(k) EUR 150 000 għall-Italja;

(l) EUR 50 000 għal-Lussemburgu;

(m) EUR 50 000 għall-Olanda;

(n) EUR 50 000 għall-Awstrija;

(o) EUR 100 000 għall-Polonja;

(p) EUR 232 000 għall-Portugall;

(q) EUR 10 000 għas-Slovenja;

(r) EUR 125 000 għas-Slovakkja;

(s) EUR 25 000 għall-Finlandja;

(t) EUR 176 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 12*

**Scrapie**

1. Il-programmi għall-qerda ta' l-iscrapie ppreżentati mill-Belġju, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, l-Olanda, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, u r-Renju Unit huma b'dan approvati għall-perjodu ta' l-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża mħallsa mill-Istati Membri kkonċernati bħala kumpens lis-sidien għall-valur tal-bhejjem tagħhom maqtula jew meqruda bi qbil mal-programm tagħhom għall-qerda, sa massimu ta' EUR 100 għal kull annimal u bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża ta' l-analiżi tal-kampjuni għall-ġenotipar, sa massimu ta' EUR 10 għal kull test tal-ġenotipar, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 66 000 għall-Belġju;

(b) EUR 26 000 għall-Bulgarija;

(ċ) EUR 88 000 għar-Repubblika Ċeka;

(d) EUR 204 000 għad-Danimarka;

(e) EUR 1 000 000 għall-Ġermanja;

(f) EUR 12 100 għall-Estonja;

(g) EUR 550 000 għall-Irlanda;

(h) EUR 700 000 għall-Greċja;

(i) EUR 3 800 000 għal Spanja;

(j) EUR 3 000 000 għal Franza;

(k) EUR 1 500 000 għall-Italja;

(l) EUR 1 100 000 għaċ-Ċipru;

(m) EUR 1 100 għal-Latvja;

(n) EUR 3 000 għal-Litwanja;

(o) EUR 27 000 għal-Lussemburgu;

(p) EUR 343 000 għall-Ungerija;

(q) EUR 258 000 għall-Olanda;

(r) EUR 26 000 għall-Awstrija;

(s) EUR 35 000 għall-Portugall;

(t) EUR 881 000 għar-Rumanija;

(u) EUR 61 000 għas-Slovenja;

(v) EUR 302 000 għas-Slovakkja.

(w) EUR 201 000 għall-Finlandja;

(x) EUR 4 000 000 għar-Renju Unit.

*Artikolu 13*

**Ir-Rabja**

1. Il-programmi għall-qerda tar-rabja ppreżentati mill-Bulgarija, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet tal-laboratorju u għax-xiri u t-tqassim tal-vaċċin u lixki għall-programmi, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 700 000 għall-Bulgarija;

(b) EUR 700 000 għal-Litwanja;

(ċ) EUR 1 500 000 għall-Ungerija;

(d) EUR 290 000 għall-Awstrija;

(e) EUR 3 900 000 għall-Polonja;

(f) EUR 2 500 000 għar-Rumanija;

(g) EUR 575 000 għas-Slovakkja.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għal test ELISA | EUR 8 għal kull test; |
| (b) għal test biex tinstab it-tetraċiklina fl-għadam | EUR 8 għal kull test. |

*Artikolu 14*

**Lewkożi enzootika bovina**

1. Il-programm għall-qerda tal-Lewkożi enzootika bovina ppreżentat mill-Estonja, il-Litwanja u l-Polonja għall-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2008 huwa b'dan approvat.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju u l-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali tagħhom maqtula soġġetti għal dawn il-programmi, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 15 000 għall-Estonja;

(b) EUR 200 000 għal-Litwanja;

(ċ) EUR 800 000 għall-Polonja;

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li jridu jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

| | |
|---|---|
| (a) għal test ELISA | EUR 0,5 għal kull test; |
| (b) it-test ta' agar gel immune diffusion | EUR 0,5 għal kull test. |

*Artikolu 15*

**Il-marda ta' Aujeszky**

1. Il-programmi għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky ppreżentati minn Spanja, l-Ungerija u l-Polonja huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità tal-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba mill-Istat Membru kkonċernat għall-ispiża tat-testijiet tal-laboratorju, u ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 450 000 għal Spanja;

(b) EUR 60 000 għall-Ungerija;

(ċ) EUR 5 000 000 għall-Polonja;

3. L-ammont massimu ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn EUR 1 għal kull test ELISA.

KAPITOLU II

**PROGRAMMI MULTI-ANNWALI**

*Artikolu 16*

**Ir-Rabja**

1. Il-programmi multi-annwali għall-qerda tar-rabja ppreżentati mir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Latvja, is-Slovenja, u l-Finlandja huma b'dan approvati għall-perjodu minn:

(a) 1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2009 għar-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja;

(b) 1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010 għal-Latvja u l-Finlandja;

(ċ) 1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2011 għall-Estonja;

(d) 1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2012 għas-Slovenja.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq ta' testijiet tal-laboratorju u għax-xiri u t-tqassim tal-vaċċin u lixki għall-programmi.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istat Membru kkonċernat għall-programmi msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

(a) għal test ELISA EUR 8 għal kull test;

(b) għal test biex tinstab it-tetraċiklina fl-għadam EUR 8 għal kull test.

4. Il-kontribuzzjoni li tkopri l-perjodu għall-implimentazzjoni tal-programmi multi-annwali ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 1 000 000 għar-Repubblika Ċeka;

(b) EUR 800 000 għall-Ġermanja;

(ċ) EUR 4 750 000 għall-Estonja;

(d) EUR 3 700 000 għal-Latvja;

(e) EUR 1 750 000 għas-Slovenja;

(f) EUR 300 000 għall-Finlandja.

5. L-ammonti impenjati għall-2008 għandhom ikunu:

(a) EUR 500 000 għar-Repubblika Ċeka;

(b) EUR 475 000 għall-Ġermanja;

(ċ) EUR 1 000 000 għall-Estonja;

(d) EUR 1 200 000 għal-Latvja;

(e) EUR 350 000 għas-Slovenja;

(f) EUR 100 000 għall-Finlandja.

6. L-ammonti impenjati għas-snin li ġejjin għandhom jiġu deċiżi bħala parti mit-twettiq tal-programm fl-2008. Indikazzjoni ta' dawn l-ammonti (f'ewro) tidher hawn taħt:

| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | 500 000 | | | |
| Il-Ġermanja | 325 000 | | | |
| Il-Latvja | 1 250 000 | 1 250 000 | | |
| Il-Finlandja | 100 000 | 100 000 | | |
| L-Estonja | 1 250 000 | 1 250 000 | 1 250 000 | |
| Is-Slovenja | 350 000 | 350 000 | 350 000 | 350 000 |

*Artikolu 17*

**Il-marda ta' Aujeszky**

1. Il-programm multi-annwali għall-qerda tal-marda ta' Aujeszky ippreżentat mill-Belġju huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2009.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispiża mġarrba mill-Belġju għat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju.

3. L-ammont massimu ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Belġju għall-programm imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun ogħla minn EUR 1 għal kull test ELISA.

4. Il-kontribuzzjoni biex jiġi kopert il-perjodu għall-implimentazzjoni tal-programm multi-annwali li jrid jitwettaq mill-Belġju msemmi fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun ogħla minn EUR 720 000.

5. L-ammont impenjat għall-2008 għandu jkun ta' EUR 360 000.

6. L-ammont impenjat għas-sena ta' wara għandu jiġi deċiż bħala parti mit-twettiq tal-programm fl-2008. EUR 350 000 hija indikazzjoni ta' dan.

*Artikolu 18*

**Lewkożi enzootika bovina**

1. Il-programmi multi-annwali għall-qerda tal-lewkożi enzotika bovina ppreżentati mill-Italja, il-Latvja, u l-Portugall huma hawnhekk approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2010.

2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għandha tkun bir-rata ta' 50 % ta' l-ispejjeż imġarrba minn kull Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għall-ispiża tat-twettiq tat-testijiet tal-laboratorju u l-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali tagħhom maqtula soġġetti għal dawn il-programmi.

3. L-ammonti massimi ta' l-ispejjeż li għandhom jiġu rimborżati lill-Istati Membri għall-programmi li jissemmew fil-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu ogħla minn:

(a) għal test ELISA — EUR 0,5 għal kull test;

(b) it-test ta' diffużjoni immuni ta' agar gel — EUR 0,5 għal kull test.

4. Il-kontribuzzjoni li tkopri l-perjodu għall-implimentazzjoni tal-programmi multi-annwali ma għandhiex tkun ogħla minn:

(a) EUR 2 000 000 għall-Italja;

(b) EUR 170 000 għal-Latvja;

(ċ) EUR 1 000 000 għall-Portugall.

5. L-ammonti impenjati għall-2008 għandhom ikunu:

(a) EUR 400 000 għall-Italja;

(b) EUR 60 000 għal-Latvja;

(ċ) EUR 300 000 għall-Portugall.

6. L-ammonti impenjati għas-snin li ġejjin għandhom jiġu deċiżi bħala parti mit-twettiq tal-programm fl-2008. Indikazzjoni ta' dawn l-ammonti (f'euro) tidher hawn taħt:

| Stat Membru | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|---|
| L-Italja | 800 000 | 800 000 | | |
| Il-Latvja | 55 000 | 55 000 | | |
| Il-Portugall | 350 000 | 350 000 | | |

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI**

*Artikolu 19*

1. Għall-programmi li jissemmew fl-Artikoli 1, 2, 3, 5, 6, 14 u 18, l-ispejjeż eliġibbli għall-kumpens lis-sidien għall-valur ta' l-annimali minħabba tbiċċir jew qtil ta' l-annimali tagħhom għandhom ikunu limitati kif inhu previst fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-medja tal-kumpens li għandu jiġi rrimborżat lill-Istati Membri għandu jiġi kkalkolat skond in-numru ta' l-annimali li ġew imbiċċra jew maqtula fl-Istat Membru u:

(a) għall-annimali bovini, sa massimu ta' — EUR 375 kull annimal;

(b) għan-ngħaġ u l-mogħoż, sa massimu ta' — EUR 50 kull annimal;

(ċ) għat-tajra tat-tgħammir *Gallus gallus*, sa massimu ta' — EUR 3,5 għal kull tajra;

(d) għat-tajra li tbid *Gallus gallus*, sa massimu ta' — EUR 1,5 għal kull tajra.

3. L-ammont massimu ta' kumpens li għandu jiġi rimbursat lill-Istati Membri għal kull annimal singolu ma għandux ikun ogħla minn EUR 1 000 għal kull annimali bovin u ta' EUR 100 għal kull nagħġa jew mogħża.

*Artikolu 20*

1. In-nefqa ppreżentata mill-Istati Membri għal kontribuzzjoni finanzjarju mill-Komunità għandha għandha tiġi espressa f'euro u għandha teskludi t-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi oħra.

2. Fejn in-nefqa ta' Stat Membru hija f'munita li mhijiex l-euro, l-Istat Membru kkonċernat għandhu jaqlibha għall-euro billi japplika l-aktar rata ta' skambju riċenti mfassla mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tax-xahar li fih l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mill-Istat Membru.

*Artikolu 21*

1. Il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18 għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-Istati Membri kkonċernati:

(a) jimplimentaw il-programmi skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Komunità, inklużi regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar l-għoti ta' kuntratti pubbliċi;

(b) iġibu fis-seħħ mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2008 il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18;

(ċ) jibagħtu lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2008 ir-rapporti tekniċi u finanzjarji intermedji għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18, skond l-Artikolu 24(7)(a) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE;

(d) għall-programmi msemmija fl-Artikolu 9, jirrapportaw lill-Kummissjoni r-riżultati pożittivi u negattivi ta' l-investigazzjonijiet li jinstabu matul is-sorveljanza tat-tjur domestiku u salvaġġ permezz tas-sistema onlajn tal-Kummissjoni kull tliet xhur billi jibagħtu fi żmien perjodu ta' erba' ġimgħat wara li jintemm ix-xahar kopert mir-rapport;

(e) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 10 sa 12, jibagħtu rapport lill-Kummissjoni kull xahar dwar ir-riżultati tal-programm ta' sorveljanza tat-TSE billi jibagħtu fi żmien perjodu ta' erba' ġimgħat wara li jintemm ix-xahar kopert mir-rapport;

(f) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18 jibagħtu rapport finali lill-Kummissjoni skond l-Artikolu 24(7)(b) tad-Deċiżjoni 90/424/KEE mhux aktar tard mit-30 ta' April dwar it-twettiq tekniku tal-programm flimkien ma' xhieda ta' ġustifikazzjoni għal dawk li huma spejjeż imħallsa mill-Istat Membru u r-riżultati miksuba matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008;

(g) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18, jimplimentaw il-programm b'mod effiċjenti;

(h) għall-programmi msemmija fl-Artikoli 1 sa 18, ma jibagħtux aktar talbiet għal kontribuzzjonijiet oħra mill-Komunità għal dawn il-miżuri, u li ma jkunux bagħtu talbiet bħal dawn qabel.

2. Meta Stat Membru ma jikkonformax mal-paragrafu 1, il-Kummissjoi għandha tnaqqas il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità wara li tikkunsidra n-natura u l-gravità ta' l-infrazzjoni, u t-telf finanzjarju għall-Komunità.

*Artikolu 22*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2008.

*Artikolu 23*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 30 ta' Novembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Markos KYPRIANOU

*Membru tal-Kummissjoni*